



**KUNSILL TA'
L-UNJONI EWROPEA**

**Brussel, 18 ta' Mejju 2006 (30.05)
(OR. en)**

**7775/1/06
REV 1**

CONCL 1

NOTA TA' TIFSIR

minn: Presidenza

lil: Delegazzjonijiet

Suġġett: **KUNSILL EWROPEW TA' BRUSSEL
23/24 MARZU 2006**

KONKLUŻJONIJIET TAL-PRESIDENZA

Id-Delegazzjonijiet isibu hawn meħmuża l-verżjoni riveduta tal-Konklużjonijiet tal-Presidenza tal-Kunsill Ewropew ta' Brussel (23/17 ta' Diċembru 2004).

1. Il-laqgħa kienet preċeduta minn preżentazzjoni mis-Sur Josep Borrell, il-President tal-Parlament Ewropew, segwita minn skambju ta' fehmiet.
2. Il-Kunsill Ewropew kellu wkoll skambju ta' fehmiet mas-Sur Jean-Claude Trichet, il-President tal-Bank Ċentrali Ewropew, is-Sur Ernest-Antoine Seillière, President ta' l-UNICE u s-Sur Cándido Méndez Rodríguez, President ta' l-ETUC, fil-preżenza tal-President tal-Parlament Ewropew.
3. Il-Kunsill Ewropew laqa' r-rapporti tal-President tal-Gvern Spanjol dwar it-tħabbir ta' waqfien mill-ġlied permanenti magħmul mill-grupp terroristiku ETA.

o
o o

L-ISTRATEĠIJA TA' LISBONA GĦALL-IMPJIEGI U T-TKABBIR IMNEDIJA MILL-ĠDID

4. Wara li qies l-esperjenza miksuba minn ħames snin ta' implimentazzjoni ta' l-Istrateġija ta' Lisbona, il-Kunsill Ewropew f'Marzu 2005 ddeċieda li jingħata bidu fundamentali mill-ġdid. Huwa qabel li jiffoka mill-ġdid il-prijoritajiet fuq l-impjiegi u t-tkabbir b'mod koerenti ma' l-Istrateġija dwar l-Iżvilupp Sostenibbli, billi jimmobilizza aktar ir-riżorsi xierqa kollha nazzjonali u Komunitarji. Huwa qabel ukoll dwar ċiklu ta' governanza ġdid ibbażat fuq is-sħubija u l-appartenenza.
5. F'Hampton Court, il-Kapijiet ta' l-Istat jew Gvern ipprovdew impetu politiku ulterjuri għall-Istrateġija mnedija mill-ġdid, b'mod partikolari billi enfasizzaw il-mod li bih il-valuri Ewropej jistgħu jsostnu l-modernizzazzjoni fl-ekonomiji u s-soċjetajiet tagħna f'dinja globalizzata.

6. Finalment, il-ftehim milħuq fil-Kunsill Ewropew ta' Diċembru 2005 dwar il-Perspettivi Finanzjarji 2007-2013 irrappreżenta pass importanti 'l quddiem biex l-Unjoni tiġi provduta bil-mezzi għat-twettiq tal-linji politiċi tagħha, inkluż dawk li jikkontribwixxu għal implimentazzjoni effettiva ta' l-Istrateġija ta' Lisbona mġedda. Abbażi ta' dak, il-Kunsill Ewropew jenfasizza l-importanza li jiġi konkluż malajr kemm jista' jkun il-Ftehim Interistituzzjonali l-ġdid sabiex jiġi implimentat il-ftehim tal-Kunsill Ewropew ta' Diċembru 2005, u li jiġu adottati b'ħeffa l-istrumenti legali meħtieġa.
7. L-isfond fl-Ewropa huwa kkaratterizzat minn kompetizzjoni intensifikata minn barra l-Ewropa, popolazzjoni li qed tixjieħ, prezzijiet taż-żejt oġhla u l-ħtieġa li tiġi salvagwardata s-sigurtà ta' l-enerġija. Sa minn tmiem l-2005, kien għaddej irkupru ekonomiku gradwali, bit-tkabbir mistenni li jirritorna lejn il-potenzjal fl-2006. L-UE hija mistennija li toħloq sitt miljun impjieg ġdid matul il-perijodu ta' tliet snin 2005-2007, b'hekk tgħin biex jitnaqqas il-qgħad mill-quċċata ta' 9% fi tmiem l-2004, bejn wiehded u ieħor b'1% fl-2007. Madankollu, it-tnaqqis ulterjuri tal-qgħad, iż-żieda fil-produttività u ż-żieda tat-tkabbir potenzjali jibqgħu l-isfidi ewlenin għall-Unjoni.
8. It-tħejjija għal popolazzjonijiet li qed jixjieħu u l-ambizzjoni biex jinkisbu l-benefiċċji sħaħ tal-globalizzazzjoni ser ikunu ż-żewġ muturi prinċipali għar-riformi strutturali. Riformi strutturali ulterjuri huma meħtieġa biex tiżdied il-kompetittività ta' l-Ewropa u biex jiġi sostnut it-tkabbir, b'hekk ikunu qegħdin jikkontribwixxu għal żieda fl-istandards ta' l-għajxien u l-ħolqien ta' impjiegi ġodda. Fl-istess waqt, linji ta' politika makro-ekonomiċi xierqa huma essenzjali biex jittieħdu l-benefiċċji kollha ta' riformi strutturali f'termini ta' tkabbir u impjiegi. It-titjib fil-kummerċ u fil-fiduċja tal-konsumatur ser jikkontribwixxi biex jgħolli t-tkabbir għal-livell potenzjali tiegħu b'mod li jservi għal żmien twil. Konsolidazzjoni fiskali determinata ser issaħħaħ aktar il-kondizzjonijiet għal aktar impjiegi u tkabbir.
9. L-irkupru ekonomiku jipprovdi opportunità qawwija biex jiġu segwiti b'mod vigoruż riformi strutturali f'konformità mal-Programmi Nazzjonali ta' Riforma, kif ukoll għal konsolidazzjoni fiskali mtejbja f'konformità mal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir imġedded. F'dan il-kuntest, miri u skedi ta' żmien konkreti huma għodda utli biex titthaffef l-implimentazzjoni tar-riformi previsti u biex ikun hemm riżultati aħjar f'dak li hu t-tkabbir u l-impjieg.

10. Il-Kunsill Ewropew jilqa' l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni "Wasal iż-żmien li nħaffu l-pass", il-ħidma mwettqa mill-Kunsill u l-fatt li l-Istati Membri kollha rapidament fasslu l-Programmi Nazzjonali ta' Riforma (PNR) tagħhom abbażi tal-Linji Gwida Integrati. Il-PNR huma adattati għall-ħtiġijiet u s-sitwazzjonijiet speċifiċi ta' l-Istati Membri. Huwa jilqa' wkoll il-progress li sar dwar il-Programm Komunitarju ta' Lisbona.
11. Il-Kunsill Ewropew jinnota l-konverġenza kbira ta' fehmiet fil-PNR dwar l-isfidi ewlenin. Huwa jinnota wkoll li l-PNR fihom ħażna rikka ta' linji politiċi promettenti li għandhom jiġu kondiviżi u jittieħed tagħlim minnhom. Madankollu, il-Kunsill Ewropew fl-istess ħin jinnota l-fehma tal-Kummissjoni li xi PNR jistgħu jinkludu miri u skedi ta' żmien iżjed speċifiċi u li jistgħu wkoll ikunu aktar dettaljati dwar il-kompetizzjoni u t-tneħħija ta' l-ostakoli għall-aċċess għas-suq. Għandhom ikunu pprovduti aktar dettalji dwar l-aspetti tal-*budget* ta' riformi previsti.
12. L-Istati Membri għamlu sforzi reali biex jinvolvu lill-parlamenti nazzjonali u lir-rappreżentanti minn awtoritajiet reġjonali u lokali kif ukoll imsieħba soċjali u partijiet interessati oħrajn tas-soċjetà ċivili fil-formulazzjoni tal-PNR tagħhom. Huwa jilqa' wkoll l-inizjattivi meħudin mill-Parlament Ewropew, il-Kumitat tar-Reġjuni u l-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew biex tiżdied appartenenza f'livell Komunitarju. Huwa jhegġegħ lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni biex ikomplu xogħolhom u jitlob għal rapporti sommarji b'appoġġ għas-Sħubija għat-tkabbir u l-impjiegi kmieni fl-2008.
13. Jeħtieġ li ċ-ċittadini Ewropej jiġu involuti b'mod aktar attiv fil-proċess sabiex jiżdied fehim dwar kif riformi f'waqthom u implimentati tajjeb ser jikkontribwixxu għal prosperità kondiviża akbar u aħjar. Sħubija mġedda effettiva għall-impjiegi u t-tkabbir ser teħtieġ kontribut attiv u responsabbiltà mill-imsieħba soċjali. F'dan il-kuntest, il-programm ta' ħidma pluriennali konġunt tagħhom maqbul reċentement ser ikun strument prezzjuż. Il-Kunsill Ewropew jilqa' l-intenzjoni tal-Presidenza Finlandiża li torganizza Summit Soċjali Tripartitiku.

14. Il-Kunsill Ewropew jirrikonoxxi l-importanza speċjali ta' riformi strutturali mtejba fl-Istati Membri taż-Żona ta' l-Euro u jisħaq dwar il-hteġa ta' koordinazzjoni ta' politika effettiva f'din iż-żona, jiġifieri b'ħala hteġa biex jiġu trattati b'mod aktar effettiv l-iżviluppi ekonomiċi asimettriċi fi ħdan l-unjoni monetarja.
15. Issa li l-PNR jeżistu, huwa essenzjali li jinżamm il-momentum billi tiġi żgurata l-implimentazzjoni effettiva, f'waqtha u komprensiva tagħhom u, jekk meħtieġ, it-tisħiħ tal-miżuri miftiehma fil-PNR, f'konformità mal-qafas, il-proċeduri u l-obbligi ta' rapportar iddefiniti mill-Kunsill Ewropew ta' Marzu 2005 u l-linji gwida adottati f'Ġunju 2005. Għaldaqstant, il-Kunsill Ewropew:
- jitlob lill-Istati Membri biex fil-Ħarifa ta' l-2006 jirrapportaw dwar il-miżuri meħuda biex jimplimentaw il-PNR tagħhom, skond il-prijoritajiet tagħhom, billi jieħdu kont dovut tal-valutazzjoni mill-Kummissjoni u l-Kunsill, fil-kuntest ta' sorveljanza multilaterali, kif ukoll dwar l-azzjonijiet ta' prijarità miftiehma msemmija hawn isfel, u li jieħdu kont tal-PNR meta jkunu qegħdin ifasslu l-Kwadri Strateġiċi ta' Referenza għal Koeżjoni tagħhom;
 - jistieden lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jorganizzaw l-iskambju ta' esperjenzi b'mod prattiku; u lill-Kummissjoni biex toqgħod partikolarment attenta, fir-rapport tagħha għall-Kunsill Ewropew tar-Rebbiegħa ta' l-2007 dwar il-progress lejn l-implimentazzjoni tal-PNR, għall-azzjonijiet ta' prijarità u biex tipproponi kwalunkwe miżuri addizzjonali li jistgħu jkunu meħtieġa.
16. Il-Kunsill Ewropew jikkonferma li l-Linji Gwida Integrati 2005-2008 għall-impjiegi u t-tkabbir jibqgħu validi. F'dak il-qafas huwa jaqbel dwar:
- **oqsma speċifiċi għal azzjonijiet ta' prijarità** dwar l-investiment fl-għarfien u l-innovazzjoni, il-potenzjal tal-kummerċ, speċjalment ta' l-SMEs, u l-użu ta' kategoriji ta' prijarità (ara l-parti I); kif ukoll id-definizzjoni ta' **Politika ta' Enerġija għall-Ewropa** (ara parti II);
 - miżuri li għandhom jittieħdu f'kull livell sabiex **jinżamm il-momentum** taħt il-pilastri kollha ta' l-Isħubija għat-tkabbir u l-impjiegi (ara l-parti III).

L-EWWEL PARTI
OQSMA SPEĊIFIĊI GĦAL AZZJONI TA' PRIJORITÀ

17. Il-Kunsill Ewropew jaqbel dwar l-oqsma speċifiċi li ġejjin għal azzjoni ta' priJORITÀ li għandhom jiġu implimentati sa l-aħħar ta' l-2007 fil-kuntest tas-Sħubija mġedda għat-tkabbir u l-impjiegi.

(a) Investiment akbar fl-għarfien u fl-innovazzjoni

18. Fid-dawl ta' l-importanza ta' l-R&Ż għal tkabbir futur u fil-provvediment ta' soluzzjonijiet għal ħafna mill-problemi li s-soċjetà tagħna qed tiffaċċa llum, il-Kunsill Ewropew itenni l-impenn li daħal għalih f'Barċellona, jilqa' l-progress li sar dwar l-istabbiliment ta' miri nazzjonali speċifiċi u jitlob lill-Istati Membri kollha biex jippromwovu linji politiċi u azzjonijiet li jimmiraw lejn objettiv ġenerali stabbilit ta' 3% sa l-2010, waqt li jittieħed kont tal-punti ta' tluq differenti ta' l-Istati Membri (ara l-Anness I). Biex jipprovdu iżjed riżorsi u riżorsi aħjar għar-riċerka u l-innovazzjoni, l-Istati Membri għandhom jiffokaw mill-ġdid in-nefqa pubblika tagħhom fuq ir-riċerka u l-innovazzjoni kif ukoll jippromwovu l-R&Ż mis-settur privat, b'mod partikolari billi jtejbu t-taħlita tagħhom ta' strumenti ta' appoġġ.

19. Il-Kunsill Ewropew jappella għall-adozzjoni bil-ħeffa tas-**Seba' Programm Kwadru** għar-Riċerka u l-Iżvilupp u l-Programm il-ġdid dwar il-Kompetittività u l-Innovazzjoni. Huwa jappella għall-istabbiliment rapidu tal-Kunsill Ewropew għar-Riċerka li jaħdem abbażi tal-kriterji li jgħollu b'mod ulterjuri l-eċċellenza ta' l-aqwa timijiet tar-riċerka ta' l-Ewropa. Azzjoni meħuda taħt il-Programm Kwadru għar-Riċerka għandha tkun ikkoordinata b'mod aħjar ma' azzjonijiet oħra Ewropej u nazzjonali għall-promozzjoni ta' sħubiji pubbliċi-privati, inkluż inizzjattivi intergovernattivi bħal Eureka.

20. Il-Kunsill Ewropew jitlob lill-BEI biex jappoġġa l-innovazzjoni u biex isaħħaħ l-azzjoni tiegħu fir-R&Ż, permezz ta' faċilità ta' finanzjament li taqsam ir-riskju li għandha tkun iffinalizzata kemm jista' jkun malajr. Il-Kunsill Ewropew jistenna sa Eur 30 biljun f'kapital ta' riskju u self bankarju garantit li jiġu sostnuti mill-istrumenti finanzjarji l-ġodda bbażati fuq kofinanzjament tal-budget tal-BEI u dak ta' l-UE għall-perijodu sa l-2013 u l-involvement tas-settur privat.

21. Għandu jitrawwem **ambjent dinamiku** bil-ħolqien ta' gruppi attraenti. L-Istati Membri huma mistiedna joħlqu suq tax-xogħol Ewropew uniku, miftuħ u kompetittiv għar-riċerkaturi, notevolment billi jegħlbu l-ostakoli pendenti għal mobbiltà ġeografika u intersettorjali, u billi jtejbju l-impjeg u l-kondizzjonijiet tax-xogħol għal riċerkaturi kif ukoll billi jattiraw talent żagħżuġ fir-riċerka għall-karrieri fir-riċerka. Il-kooperazzjoni u t-trasferiment ta' teknoloġija bejn ir-riċerka pubblika u l-industrija għandhom jitejbu, kemm fi ħdan il-fruntieri nazzjonali kif ukoll minn fruntiera nazzjonali għall-oħra, u wkoll joħlqu kundizzjonijiet għall-impjeg ta' riċerkaturi fl-industrija.
22. Approċċ komprensiv għall-politika ta' innovazzjoni jista' jinkiseb bl-appoġġ ta' swieq għal prodotti u servizzi innovattivi u eċċellenza fir-riċerka f'teknoloġiji ġodda, inklużi teknoloġiji ta' l-informazzjoni u l-komunikazzjoni (ICT) u eko-innovazzjonijiet. Dan ikun jimplika inter alia l-identifikazzjoni ta' l-aħjar prattiki fil-linji politiċi ta' innovazzjoni li jkollhom l-akbar potenzjal għal ħolqien ta' valur miżjud reali u għal għoti ta' spinta lill-produttività. Barra minn dan għandhom jissaħħu r-rabtiet bejn l-R&Ż, is-sistemi ta' innovazzjoni u l-ambjent kummerċjali sabiex titjieb l-effikaċja tal-proċess ta' innovazzjoni u jitqassar iż-żmien meħtieġ għall-innovazzjonijiet biex jimmaturaw u biex jiġu tradotti fi prodotti u servizzi kummerċjali. Il-Kunsill Ewropew għaldaqstant jappella għal strateġija ta' innovazzjoni fuq bażi wiesgħa għall-Ewropa li tittrasforma l-investimenti fl-għarfien fi prodotti u servizzi. F'dan il-kuntest, il-Kunsill Ewropew jinnota s-sinifikat tar-rapport ta' Aho dwar Il-Ħolqien ta' Ewropa Innovattiva u jistieden lill-Kummissjoni biex tivvaluta r-rakkomandazzjonijiet tiegħu u lill-Presidenza li jmiss tirrapporta dwar il-progress qabel tmiem l-2006.
23. **L-edukazzjoni u t-taħriġ** huma fatturi kritiċi għall-iżvilupp tal-potenzjal fuq perijodu fit-tul ta' l-UE għall-kompetittività kif ukoll għall-koeżjoni soċjali. It-tfittxija għall-eċċellenza u l-innovazzjoni fil-livelli kollha ta' l-edukazzjoni u t-taħriġ, b'mod partikolari permezz ta' rabtiet aħjar bejn l-edukazzjoni oġġla, ir-riċerka u l-intrapriżi hija kruċjali. Ir-riformi għandhom jiżdiedu wkoll sabiex jiġu żgurati sistemi ta' l-edukazzjoni ta' kwalità għolja li huma kemm effiċjenti kif ukoll ġusti. Strateġiji nazzjonali għat-tagħlim tul il-ħajja għandhom jipprovdu liċ-ċittadini kollha bil-kompetenzi u l-kwalifiki li jeħtieġu, dejjem aktar meġġuna fuq livell Komunitarju minn programmi edukattivi u ta' taħriġ bħall-Erasmus u l-Leonardo. Biex ikun hemm appoġġ għal mobbiltà akbar u suq tax-xogħol effiċjenti, għandu jinkiseb ukoll progress fuq Kwadru Ewropew tal-Kwalifiki (EQF).

24. **Investimenti fl-educazzjoni u t-taħriġ** jagħtu profitti tajbin li jisbqu sostanzjalment l-ispejjeż u jilhq u lil hinn sew mill-2010. Huma għandhom ikunu mmirati lejn oqsma fejn il-profitti ekonomiċi u r-risultati soċjali huma għoljin. L-Edukazzjoni u t-Taħriġ għandhom jikkupaw pożizzjoni ċentrali fl-aġenda tar-riforma ta' Lisbona, f'dan il-kontest, il-Programm għat-Tagħlim Tul il-Ħajja 2007-2013 ser ikun essenzjali. Il-Kunsill Ewropew jitlob lill-Istati Membri biex jiffaċilitaw, f'konformità mal-prattiki nazzjonali, l-aċċess ta' l-universitajiet għal sorsi ta' finanzjament kumplementari, inklużi daww privati, u biex ineħħu l-ostakoli għal shubijji pubbliċi-privati man-negozji. Barra minn dan, huwa jissottolinja r-rwol kruċjali ta' l-universitajiet u l-persunal tar-riċerka tagħhom fit-tixrid u t-trasferiment ta' risultati ta' riċerka lill-komunità kummerċjali u b'hekk il-ħtieġa li jiġu żviluppati ħiliet u kompetenzi manijerjali għan-nies involuti. Il-Kunsill Ewropew jistenna bil-ħerqa r-rapport tal-Kummissjoni dwar l-educazzjoni ogħla li ser jindirizza b'mod partikolari t-triangolu edukazzjoni-riċerka-innovazzjoni kif ukoll ir-rabtiet bejn l-universitajiet u l-komunità kummerċjali.
25. Għalhekk, il-Kunsill jinnota s-sinifikat tal-komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-Istitut Ewropew għat-Teknoloġija u ser jeżamina aktar l-ideat sabiex isaħħaħ flimkien ma' azzjonijiet oħra n-networking u s-sinerġiji bejn komunitajiet eċċellenti ta' riċerka u innovazzjoni fl-Ewropa. Il-Kunsill Ewropew jagħraf li l-Istitut Ewropew għat-Teknoloġija - ibbażat fuq networks ta' l-għola livell miftuħa għall-Istati Membri kollha - ser ikun pass importanti lejn il-mili tan-nuqqas eżistenti bejn l-educazzjoni ogħla, ir-riċerka u l-innovazzjoni, flimkien ma' azzjonijiet oħra li jsaħħu n-networking u s-sinerġiji bejn komunitajiet eċċellenti ta' riċerka u innovazzjoni fl-Ewropa. Il-Kunsill Ewropew għar-Riċerka għandu jkollu rwol ta' gwida f'dan il-kontest. Il-Kunsill Ewropew jistieden lill-Kummissjoni biex tissottometti proposta dwar passi ulterjuri sa nofs Ġunju 2006.

(b) Il-ftuħ tal-potenzjal kummerċjali, speċjalment ta' l-SMEs

26. Hemm kunsens dwar l-importanza ġenerali ta' bażi industrijali b'saħħitha u kompetittiva fl-Ewropa u għalhekk dwar il-ħtieġa għall-kunċett modern u koerenti għall-manifattura fl-UE. Il-Kunsill Ewropew jenfasizza l-importanza li jinkiseb il-bilanċ ġust bejn approċċi orizzontali u settorjali u jirreferi għall-ħtieġa li tittejjeb il-konsistenza tal-linji politiċi sabiex wieħed ikun jista' jibbenefika fuq skala akbar minn sinerġiji potenzjali. Il-Kunsill Ewropew jitlob lill-Istati Membri biex jiżviluppaw strateġiji nazzjonali b'mod proattiv u jimplimentaw miżuri biex jitravmu l-kompetittività, l-innovazzjoni u l-produttività permezz ta' linji politiċi li jindirizzaw id-dimensjoni soċjali u l-ħtiġijiet ta' individwi fil-proċess ta' internazzjonalizzazzjoni u bidla strutturali.
27. Il-Kunsill Ewropew jagħraf l-importanza assoluta li jinholq ambjent kummerċjali aktar favorevoli, speċjalment għall-intrapriżi żgħira u ta' daqs medju (SMEs), li huma s-sinsla ta' l-ekonomija Ewropea. Fil-livell Komunitarju, inkiseb progress sinifikanti, notevolment permezz tal-valutazzjonijiet ta' impatt kompleti u bbilanċjati mill-Kummissjoni ta' proposti ġodda u d-dimensjoni ta' kompetittività msaħħa tagħhom, kif ukoll tal-programm evoluttiv ta' simplifikazzjoni. Biex jikkomplementa dan f'livell nazzjonali, il-Kunsill Ewropew jitlob lill-Istati Membri biex jittrasponu, jinfurzaw u jimplimentaw bis-sħiħ il-leġislazzjoni Komunitarja biex jippermettu lill-konsumaturi, lill-ħaddiema u lin-negozji jgawdu mill-benefiċċji tas-suq intern.
28. L-SMEs għandhom rwol kruċjali fil-ħolqien tat-tkabbir u l-impjiegi aħjar fl-Ewropa. Hemm il-ħtieġa li jiġu żviluppati linji politiċi komprensivi ta' appoġġ għal SMEs ta' kull tip, kif ukoll ambjent regolatorju li huwa sempliċi, trasparenti u faċli biex jiġi applikat. Il-prinċipju ta' "aħseb żgħir l-ewwel" għandu jiġi applikat b'mod sistematiku u jsir il-prinċipju gwida għal-leġislazzjoni rilevanti kollha fil-livell Komunitarju u f'dak nazzjonali. Għaldaqstant il-Kunsill Ewropew jistieden lill-Kummissjoni biex tressaq disposizzjonijiet speċifiċi biex iħeġġu t-tkabbir u l-iżvilupp ta' l-SMEs, bħalma huma perijodi transitorji itwal, miżati mnaqqsa, ħtiġiet ta' rappurtar simplifikati u eżenzjonijiet. Il-Kunsill Ewropew jistenna wkoll li l-Kummissjoni tassisti ulterjorment lill-Istati Membri fl-adattament tal-linji politiċi tagħhom għall-SMEs u li tippromwovi ulterjorment id-djalogu mal-partijiet interessati kollha.

29. Il-Kummissjoni hija mistiedna tagħti bidu għal eżerċizzju li jikkalkula l-ispejjeż amministrattivi assoċjati ma' regoli ta' l-UE f'oqsma speċifiċi, waqt li tingħata attenzjoni partikolari lil SMEs u li jiġu identifikati liema spejjeż jiġu direttament minn leġislazzjoni ta' l-UE u liema spejjeż jirriżultaw mill-modi differenti li bihom l-Istati Membri jittrasponu r-regoli ta' l-UE. Dan l-eżerċizzju għandu jiġi kkoordinat ma' inizjattivi nazzjonali li jkunu għaddejjin. Abbażi ta' dan, il-Kummissjoni hija mistiedna tesplora l-possibbiltajiet biex jiġu stabbiliti miri li jistgħu jitkejlu f'setturi speċifiċi għat-tnaqqis tal-piżijiet amministrattivi u tirrapporta lill-Kunsill dwar il-progress sa tmiem l-2006. Il-Kunsill Ewropew jilqa' l-impenn tal-Kummissjoni biex tnaqqas ulterjorment il-piż statistiku fuq l-SMEs.
30. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu, sa l-2007, *one-stop-shop*, jew arranġamenti b'effett ekwivalenti, biex tiġi stabbilita kumpannija b'mod rapidu u sempliċi. L-Istati Membri għandhom jieħdu miżuri adegwati biex inaqqsu konsiderevolment il-ħin medju li jittieħed biex jiġi stabbilit negozju, speċjalment SME, bl-oġettiv li dan ikun jista' jsir fi żmien ġimgħa fi kwalunkwe parti ta' l-UE sa l-aħħar ta' l-2007.
- Il-miżati inizjali għandhom ikunu baxxi kemm jista' jkun u r-reklutaġġ ta' l-ewwel impjegat m'għandux jinvolvi aktar minn punt wieħed ta' amministrazzjoni pubblika.
31. L-Ewropa teħtieġ aktar intraprendituri mgħammra bil-ħiliet xierqa biex jikkompetu b'suċċess fis-swieq. Il-Kunsill Ewropew għalhekk jissottolinja l-ħtieġa li joħloq klima intraprenditorjali ġenerali pożittiva u kondizzjonijiet għal qafas xierqa li jiffaċilitaw u jħeġġu l-intraprenditorija u għalhekk jistieden lill-Istati Membri biex isaħħu l-miżuri rispettivi, inkluż permezz ta' edukazzjoni u taħriġ intraprenditorjali fil-livell xieraq ta' edukazzjoni. Il-komunikazzjoni u l-mezzi ta' komunikazzjoni kif ukoll l-industrija kreattiva in ġenerali jistgħu wkoll ikollhom rwol importanti fil-promozzjoni ta' l-intraprenditorija u fit-tħeġġiġ tal-persuni biex jiddeċiedu li jidħlu għal karriera intraprenditorjali. Barra minn dan, miżuri biex jitjieb l-ambjent kummerċjali għall-SMEs u biex iħeġġeġ aktar nies, b'mod partikolari n-nisa u ż-żgħażaġh, li jsiru intraprendituri għandhom ukoll jissemmew b'mod espliċitu fil-PNR kif ukoll fir-rappurtar.

32. Suq finanzjarju integrat bis-sħiħ u aċċess suffiċjenti għal finanzjament huwa kruċjali għat-tkabbir ta' intrapriżi żgħar u ta' daqs medju. Jekk ma jiġix indirizzat b'mod xieraq, in-nuqqas ta' finanzi ser ikompli jtellf l-innovazzjoni fl-SMEs. Fil-livell Komunitarju, għandhom isiru disponibbli sorsi ta' finanzjament permezz ta' l-istrumenti finanzjarji taħt il-programmi Komunitarji li ġejjin, b'mod partikolari s-Seba' Programm Kwadru ta' Riċerka u l-Programm għall-Kompetittività u l-Innovazzjoni (CIP). Barra minn hekk, il-Kunsill jitlob lill-Istati Membri biex jutilizzaw b'mod sħiħ il-potenzjal tal-fondi strutturali, permezz ta' strumenti ġodda ta' finanzjament tradizzjonali bħalma huwa JEREMIE. Apparti dan, il-potenzjal ta' drittijiet ta' proprjetà intellettuali (DPI) ta' l-SMEs jixraqlu iżjed attenzjoni. Barra minn dan, l-aċċess ta' l-SMEs għas-swieq ser jiġi mtejjeb billi jiġi ffaċilitat l-aċċess tagħhom għas-swieq ta' akkwist pubbliku u għall-istandardizzazzjoni kif ukoll billi tiġi appoġġata l-internazzjonalizzazzjoni tagħhom.
33. Il-Kunsill Ewropew jilqa' l-intenzjoni tal-Kummissjoni, li tieħu kont bis-sħiħ tal-ħtieġa li tingħata konsiderazzjoni għall-emenda tar-regoli eżistenti għall-għajnuna mill-istat rilevanti għall-SMEs u li jiġu ssimplifikati l-proċeduri amministrattivi, *inter alia* billi jkun hemm provvedimenti għal eżenzjonijiet globali aktar wesgħin filwaqt li jinżamm l-għan ta' għajnuna statali aktar baxxa u indirizzata aħjar. F'dan il-kuntest, huwa jinnota l-possibbiltajiet għal għajnuna għall-investiment u l-impjiegi sa EUR 15-il miljun għall-SMEs mingħajr il-ħtieġa ta' notifika. Huwa jilqa' wkoll l-intenzjoni tal-Kummissjoni li teżamina l-possibbiltà ta' rduppar ta' l-ammont għal-limitu *de minimis*, filwaqt li tieħu kont sħiħ tal-konsultazzjonijiet li għaddejjin u b'mod konformi mat-Trattat u l-ġurisprudenza eżistenti. B'mod aktar ġenerali, b'kont meħud ta' l-aspetti esterni tal-kompetittività, huwa jikkunsidra li r-reviżjoni ta' l-għajnuna mill-istat għandha tħeġġeġ livell għoli ta' investiment fl-Ewropa u tagħmel lill-Ewropa attraenti għal investiment futur.

(ċ) Iż-żieda fl-opportunitajiet ta' impjeg għall-kategoriji ta' prijorità

34. Iż-żieda ta' l-impjeg fl-Ewropa tibqa' waħda mill-prijoritajiet ewlenin għar-riforma. Ir-riformi fis-suq tax-xogħol li twettqu fis-snin reċenti qed jibdeu jagħtu l-frott. Objettiv ewlieni huwa li tizzied il-parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol, speċjalment taż-żgħażaġh, in-nisa, il-ħaddiema akbar fl-età, il-persuni b'diżabilità u l-migranti legali u l-minoritajiet etniċi. Sabiex jinkisbu dawn l-objettivi, il-ħidma għandha titmexxa f'kooperazzjoni mill-qrib ma' l-imsieħba soċjali.

35. Filwaqt li jittieħed vantaġġ tal-prospetti ekonomiċi mtejbmin ta' l-Ewropa biex jinħolqu aktar impjiegi u impjiegi aħjar, issa jridu jiżdiedu l-isforzi fl-implimentazzjoni ta' l-Istrateġija Ewropea għall-Impjiegi u t-tliet priyoritajiet għall-azzjoni: li aktar nies jiġu mħajra u jinżammu fl-impjiegi, li tizzied il-provvista ta' impjiegi u jiġu mmodernizzati s-sistemi ta' protezzjoni soċjali, li titjieb l-adattabbiltà tal-ħaddiema u ta' l-intrapriżi, u li jiżdied l-investment fil-kapital uman permezz ta' edukazzjoni u ħiliet aħjar. L-organizzazzjoni aħjar tax-xogħol, il-kwalità tal-ħajja tax-xogħol u l-aġġornar kontinwu tal-kwalifiki tal-ħaddiema huma fatturi li għandhom jiġu analizzati bil-ħsieb li l-produttività fix-xogħol tingħata spinta.
36. Fid-dawl ta' l-irkupru ekonomiku gradwali li għaddej, miżuri attivi ulterjuri huma meħtieġa biex iġibu żieda fl-impjiegi Ewropew b'ta' mill-inqas 2 miljun impjiegi fis-sena sa l-2010 bħala pass ulterjuri biex jintlaħqu l-miri tas-Sħubija għall-impjiegi u t-tkabbir.
37. Il-Kunsill Ewropew jitlob lill-Istati Membri biex:
- jiżviluppaw approċċ lejn ix-xogħol li huwa bbażat fuq ċiklu sħiħ tal-ħajja, li jiffaċilita t-transizzjonijiet fl-impjiegi tul il-ħajja tax-xogħol u jwassal għal żieda fin-numru totali ta' sigħat ta' xogħol fl-ekonomija, u jtejjeb l-effiċjenza ta' l-investment fil-kapital uman;
 - jistinkaw għall-bidla lejn linji politiċi attivi u preventivi, filwaqt li jħeġġu u jgħinu lin-nies biex isibu impjiegi bil-ħlas;
 - jiffokaw aħjar il-miżuri għal dawk b'ħiliet baxxi u b'paga baxxa, partikolarment dawk fil-periferiji tas-suq tax-xogħol.
38. Huwa urġenti li tittejjeb is-sitwazzjoni taż-żgħażaġħ fis-suq tax-xogħol u li jitnaqqas b'mod sinifikanti l-qgħad fost iż-żgħażaġħ. Għal dak il-għan, il-Kunsill Ewropew jenfasizza li f'konformità mal-mira miftiehma għall-2010, għandhom jiġu intensifikati l-isforzi biex jitnaqqas għal 10% it-tluq bikri mill-iskola u biex jiġi żgurat li mill-inqas 85% ta' dawk li jkollhom 22 sena għandhom ikunu temmew l-edukazzjoni sekondarja għolja. Sa tmiem l-2007 kull persuna zaġżuġha li tkun telqet mill-iskola u tkun qiegħda għandha tiġi offruta impjiegi, apprendistat, taħriġ addizzjonali jew miżura oħra li tgħinha biex tiġi impjegata fi żmien sitt xhur, u fi żmien mhux iżjed minn 4 xhur sa l-2010.

39. Bil-ħsieb li jagħmilha aktar attraenti għal ħaddiema aktar anzjani li jibqgħu impjegati aktar fit-tul, il-Kunsill Ewropew jissottolinja li għandhom jiġu implimentati strateġiji għal xjuħija attiva. F'dan il-kuntest, għandhom jiġu kkunsidrati inċentivi għal ħajja tax-xogħol itwal, irtirar gradwali, xogħol *part-time*, titjib tal-kwalità fuq ix-xogħol u inċentivi mmirati sabiex ikun żgurat li n-numru ta' ħaddiema aktar anzjani li jipparteċipaw fit-taħriġ jiżdied b'rata aktar mgħaġġla minn dik tal-popolazzjoni attiva totali.
40. Bl-għarfien li linji politiċi għall-ugwaljanza bejn is-sessi huma vitali għat-tkabbir ekonomiku, il-prosperità u l-kompetittività, il-Kunsill Ewropew jenfasizza li wasal iż-żmien li jittieħed impenn sod fil-livell Ewropew għall-implimentazzjoni ta' linji politiċi għall-promozzjoni ta' l-impjieg tan-nisa u biex jiġi żgurat bilanċ aħjar bejn ix-xogħol u l-ħajja. Għal dan il-għan, il-Kunsill Ewropew japprova l-Patt Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi (ara l-Anness II) u jaqbel li d-disponibbiltà ta' kura ta' kwalità għat-tfal għandha tiżdied f'konformità mal-miri nazzjonali ta' l-Istati Membri stess.
41. Il-Kunsill Ewropew jenfasizza l-ħtieġa li jiġu żviluppati b'mod aktar sistematiku fil-PNR strateġiji ta' politika komprensivi biex tittejjeb l-adattabbiltà tal-ħaddiema u ta' l-intrapriżi. F'dan il-kuntest, il-Kunsill Ewropew jitlob lill-Istati Membri biex jagħtu attenzjoni speċjali lill-isfida ewlenija ta' "flessigurtà" (il-bilanċ bejn il-flessibbiltà u s-sigurtà): l-Ewropa trid tisfrutta l-interdipendenzi pożittivi bejn il-kompetittività, l-impjieg u s-sigurtà soċjali. Għalhekk, l-Istati Membri huma mistiedna jistinkaw, b'mod konformi mas-sitwazzjonijiet tas-suq tax-xogħol individwali tagħhom, għal riformi fis-suq tax-xogħol u fil-linji politiċi soċjali taħt approċċ ta' flessigurtà integrat, adattat b'mod adegwat għal ambjenti istituzzjonali speċifiċi u li jieħdu kont tas-segmentazzjoni tas-suq tax-xogħol. F'dan il-kuntest, il-Kummissjoni, b'mod konġunt ma' l-Istati Membri u l-imsieħba soċjali, se jesploraw l-iżvilupp ta' sett ta' prinċipji komuni dwar il-flessigurtà. Dawn il-prinċipji jistgħu jkunu referenza utli biex jinkisbu swieq tax-xogħol li huma aktar miftuħin u li jirreaġixxu u għall-postijiet tax-xogħol aktar produttivi.
42. Huwa jinnota wkoll il-proposta mill-Kummissjoni li jiġi stabbilit Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni, aċċessibbli għall-Istati Membri kollha, biex jipprovdi appoġġ addizzjonali lill-ħaddiema li jisfaw mingħajr impjieg bħala riżultat ta' tibdil strutturali maġġuri fix-xejriet tal-kummerċ dinji u biex jgħinhom fit-taħriġ mill-ġdid tagħhom u fl-isforzi ta' tiftix għall-impjieg tagħhom, u jistieden lill-Kunsill, lill-Parlament Ewropew u lill-Kummissjoni biex jieħdu l-miżuri xierqa sabiex il-Fond ikun operattiv malajr kemm jista' jkun u preferibbilment fl-1 ta' Jannar 2007.

IT-TIENI PARTI
POLITIKA DWAR L-ENERĠIJA GĦALL-EWROPA (PEE)

43. Il-Kunsill Ewropew jinnota li l-Ewropa qed taffaċċja numru ta' sfidi fil-qasam ta' l-enerġija: is-sitwazzjoni diffiċli li għaddejja fis-swieq taż-żejt u tal-gass, id-dipendenza li qed tiżdied fuq l-importazzjoni u d-diversifikazzjoni limitata miskuba s'issa, il-prezzijiet għoljin u instabbli ta' l-enerġija, id-domanda li qed tikber għall-enerġija, ir-riskji ta' sigurtà li jaffettwaw kemm pajjiżi li jipproduċu u ta' transitu kif ukoll rotot ta' trasport, it-theddid li qed jikber ta' tibdil fil-klima, il-progress bil-mod fl-effiċjenza fl-enerġija u l-użu ta' materjali li jistgħu jiġġeddu, il-hteġa għal żieda fit-trasparenza fis-swieq ta' l-enerġija u integrazzjoni u interkonnessjoni ulterjuri tas-swieq nazzjonali ta' l-enerġija bil-liberalizzazzjoni tas-suq ta' l-enerġija li kważi tlestiet (Lulju 2007), il-koordinazzjoni limitata bejn l-atturi fl-enerġija waqt li huma meħteġa investimenti kbar fl-infrastruttura ta' l-enerġija. In-nuqqas ta' indirizzar ta' dawn l-isfidi għandu impatt dirett fuq l-ambjent ta' l-UE, u l-potenzjal ta' l-impjiegi u t-tkabbir.
44. Bi tweġiba għal dawn l-isfidi u abbażi tal-*Green Paper* artikolat tajjeb tal-Kummissjoni "Strateġija Ewropea għal Enerġija Sostenibbli, Kompetittiva u Sigura" u kontribuzzjoni tal-Kunsill, il-Kunsill Ewropew jagħmel sejħa għal Politika dwar l-Enerġija għall-Ewropa, li timmira għal politika tal-Komunità effettiva, koerenza bejn l-Istati Membri u konsistenza bejn l-azzjonijiet f'oqsma ta' politika differenti u li jitwettqu b'mod bilanċjat it-tliet objettivi tas-sigurtà tas-sostenibbiltà tal-provvista, il-kompetittività u ambjentali.
45. Il-Kunsill Ewropew jissottolinja li, biex tinkiseb din il-konsistenza fil-linji ta' politika kemm interni kif ukoll esterni ta' l-UE, il-politika dwar l-enerġija għandha tissodisfa d-domandi ta' ħafna oqsma ta' politika. Bħala parti minn strateġija ta' tkabbir u permezz ta' swieq miftuħa u kompetittivi, hi tinkoraġġixxi investiment, żvilupp teknoloġiku u kummerċ domestiku u barrani. Hija marbuta bis-siġħ mal-politika ambjentali u konnessa mill-qrib ma' l-impjiegi, il-politika reġjonali u b'mod partikolari l-politika dwar it-trasport. Barra minn dan, l-aspetti ta' politika barranija u ta' żvilupp qed jiksibu importanza li qed tikber biex jippromwovu l-obiettivi fil-politika dwar l-enerġija ma' pajjiżi oħra. Għalhekk, il-Kunsill Ewropew isejjaħ għal koordinazzjoni imsaħħa bejn il-formazzjonijiet tal-Kunsill rilevanti u jistieden lill-Kummissjoni Ewropea biex tiegħu kont tal-prinċipji ta' regolamentazzjoni aħjar meta tkun qed tipprepara azzjonijiet ulterjuri.

46. Din il-PEE għandha tiġi żviluppata b'għarfien u fehma xierqa tal-ħtiġijiet ta' enerġija u l-linji politiċi ta' l-Istati Membri, filwaqt li jitqies ir-rwol strateġiku tas-settur ta' l-enerġija. Il-PEE għandha għalhekk tkun ibbażata fuq perspettivi kondiviżi dwar il-provvista u d-domanda fuq terminu twil, stima oġġettiva u trasparenti tal-vantaġġi u l-iżvantaġġi tas-sorsi kollha ta' l-enerġija u tikkontribwixxi b'mod bilanċjat għat-tliet objettivi prinċipali tagħha:

(a) Li tiżdied is-sigurtà tal-provvista permezz ta':

- L-iżvilupp ta' approċċ ta' politika esterna komuni b'appoġġ għall-objettivi tal-politika dwar l-enerġija, u t-twessigħ tad-djalogi dwar l-enerġija bejn l-UE u l-Istati Membri tagħha fuq naħa waħda, u l-imsieħba prinċipali tagħhom, il-pajjiżi produttori, ta' transitu jew konsumaturi fuq in-naħa l-oħra, f'sinerġija ma' l-organizzazzjonijiet internazzjonali rilevanti
- Diversifikazzjoni intensifikata fir-rigward ta' sorsi esterni kif ukoll indiġeni, fornituri u rotot ta' trasport appoġġati b'investiment fl-infrastruttura meħtieġa, inklużi l-faċilitajiet LNG
- Jiġu żgurati approċċi operattivi komuni għall-indirizzar ta' sitwazzjonijiet ta' kriżi fi spirtu ta' solidarjetà, b'kont meħud tas-sussidjarjetà.

(b) Li tiġi żgurata l-kompetittività ta' l-ekonomiji Ewropej u prezz li jinfelah tal-provvista fl-enerġija għall-benefiċċju kemm tan-negozji kif ukoll tal-konsumaturi, f'qafas regolatorju stabbli, billi:

- Issir ħidma ma' l-Istati Membri biex jitlestha l-ftuħ tas-suq intern għall-elettriċità u l-gass għall-konsumaturi kollha sa nofs l-2007, filwaqt li jiġu aċċettati ċ-ċirkostanzi speċjali ta' xi Stati Membri żgħar u iżolati
- Tiġi żgurata implimentazzjoni sħiħa, effettiva u trasparenti ta' leġiżlazzjoni tas-suq intern, li għandu jkollha rwol kruċjali għas-sigurtà tal-provvista
- Jiġu promossi approċċi simili għal dak tas-suq fl-enerġija intern għall-pajjiżi ġirien u tiġi msaħħa l-koordinazzjoni u r-rwol tar-regolaturi ta' l-enerġija

- Jiġi mgħaġġel l-iżvilupp tal-kooperazzjoni ta' l-enerġija reġjonali tul l-UE kollha, li jiffaċilita l-integrazzjoni tas-swieq reġjonali f' u l-iżvilupp ulterjuri tas-suq intern ta' l-UE, filwaqt li tingħata attenzjoni partikolari lill-pajjiżi u r-reġjuni li huma iżolati fil-parti l-kbira tagħhom mis-suq ta' l-enerġija ta' l-UE
- Jitrawwem l-iżvilupp mgħaġġel u koerenti tal-ħażna u l-infrastruttura, b'mod partikolari ta' l-interkonnnessjonijiet tal-gass u ta' l-elettriku ma', għall-elettriku, il-mira ta' mill-anqas 10% tal-kapaċità produttiva installata ta' l-Istati Membri, u kif miftiehem ukoll mill-Kunsill Ewropew f'Barċellona fl-2002, ir-rekwiżiti finanzjarji għandhom jintlaħqu prinċiparjament mill-intrapriżi involuti
- Jiġu riveduti d-direttivi eżistenti u l-qafas legali sabiex jiġu mgħaġġla l-proċeduri ta' awtorizzazzjoni amministrattiva għal, u jiġi żviluppat ambjent regolatorju li jwassal iżjed għal proġetti ta' investiment

(ċ) Li tiġi promossa s-sostenibbiltà ambjentali billi:

- Tiġi msaħħa tmexxija ta' l-UE billi jiġi adottat Pjan ta' Azzjoni dwar l-Efficijenza fl-Enerġija realistiku u ambizzjuż, waqt li jinżamm preżenti l-potenzjal ta' tfaddil ta' enerġija ta' l-UE ta' 20% sa' l-2020, kif stmat mill-Kummissjoni, u b'kont meħud tal-miżuri li diġà huma implimentati mill-Istati Membri
- Tiġi msaħħa tmexxija ta' l-UE billi jitkompla l-iżvilupp ta' enerġiji li jistgħu jiġġeddu mifruq ma' l-UE kollha (road map) abbażi ta' analiżi mill-Kummissjoni dwar kif jintlaħqu l-miri eżistenti (2010) u kif jiġi sostnut b'mod kost effettiv l-isforzi attwali fil-perijodu fit-tul eż. billi jkun ikkunsidrat l-għoli, sa l-2015, is-sehem ta' l-enerġiji li jistgħu jiġġeddu, fejn tiġi kkunsidrata mira ta' 15%, u l-proporzjon ta' bijo-karburanti, fejn tiġi kkunsidrata mira ta' 8%, u tiġi żviluppata strateġija fuq terminu medju u twil biex tnaqqas id-dipendenza ta' l-UE fuq l-importi ta' l-enerġija f'manjiera li tilħaq l-oġettivi ta' l-istrateġija għat-tkabbir u l-impjiegi filwaqt li jittieħed kont tal-problemi tal-gżejjer jew ir-reġjuni li huma iżolati ferm mis-suq ta' l-enerġija ta' l-UE.
- Jiġi implimentat l-Pjan ta' Azzjoni dwar il-Bijomassa

- Fil-kuntest ta' l-iżvilupp ta' strateġija ta' l-UE fuq perijodu medju sa fit-tul biex tiġġieled it-tibdil fil-klima, titlesta r-reviżjoni ta' l-Iskema ta' l-UE ta' Kummerċ ta' l-Emissjonijiet bħala strument biex jinkisbu b'mod effettiv għan-nefqa l-oġġettivi dwar it-tibdil fil-klima, billi tkun ipprovduta ċertezza għal investituri fil-perijodu medju-twil, u jiġi stmat il-potenzjal ta' diversi setturi fir-rigward ta' dawn l-oġġettivi
- Jiġi żgurat appoġġ adegwat minn strumenti nazzjonali u Komunitarji u ta' R&Ż għall-effiċjenza fl-enerġija, enerġiji sostenibbli u teknoloġiji b'emissjonijiet baxxi

47. Fit-twettieq ta' dawn l-oġġettivi prinċipali l-PEE għall-Ewropa għandha:

- Tiżgura trasparenza u non-diskriminazzjoni fis-swieq
- Tkun konsistenti mar-regoli tal-kompetizzjoni
- Tkun konsistenti ma' l-obbligi tas-servizz pubbliku
- Tirrispetta b'mod sħiħ is-sovranià ta' l-Istati Membri fuq is-sorsi ta' enerġija primarji u l-għażla ta' taħlita ta' enerġija.

48. Il-Kunsill Ewropew jistieden lill-Kummissjoni Ewropea u lir-Rappreżentant Għoli biex jaħdmu mill-qrib flimkien dwar il-kwistjoni importanti tar-relazzjonijiet esterni ta' l-enerġija u biex jipprovdut kontribut għall-istrateġija ta' l-UE li tista' tiġi diskussa fil-laqgħa tal-Kunsill Ewropew li jmiss.

49. Il-Kunsill Ewropew jilqa' l-intenzjoni tal-Kummissjoni li tippreżenta Reviżjoni Strateġika dwar l-Enerġija fuq bażi regolari, li tibda fl-2007, filwaqt li tindirizza b'mod partikolari l-miri u l-azzjonijiet meħtieġa għal politika ta' enerġija esterna fuq perijodu medju-fit-tul. L-azzjonijiet ta' interess Ewropew jistgħu jiġu rrapportati minn Stati Membri f'dik l-okkażjoni. Diskussjonijiet preparatorji għandhom isiru fl-aħħar parti ta' l-2006.

50. L-Anness III jistabbilixxi serje ta' azzjonijiet possibbli li għandhom il-potenzjal li jikkontribwixxu għall-oġġettivi ta' hawn fuq. Id-deċiżjonijiet dwar azzjonijiet ġodda għandhom isiru f'sinerġija mal-ħidma li ssir minn istituzzjonijiet, fora, mekkaniżmi jew proċessi eżistenti internazzjonali. Fuq dik il-bażi l-Kunsill Ewropew jistieden lill-Kummissjoni u lill-Kunsill biex jippreparaw sett ta' azzjonijiet bi skeda ċara li tippermetti l-adozzjoni ta' Pjan ta' Azzjoni prijoritizzat sal-Kunsill Ewropew fis-sessjoni tiegħu tar-Rebbiegħa 2007.

51. Minħabba l-urġenza ta' l-isfidi li jridu jiġu ffaċċati, il-Kunsill Ewropew jistieden lill-Kummissjoni biex tibda bil-miżuri li ġejjin:

- Is-Sottomissjoni ta' Pjan ta' Azzjoni dwar l-effiċjenza fl-Enerġija sa nofs is-sena 2006
- l-Implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni dwar il-Bijomassa
- L-iżvilupp ta' Pjan ta' Interkonnessjoni prijoritarju u l-faċilitazzjoni tar-realizzazzjoni ta' proġetti prijoritarji ta' infrastruttura li jikkontribwixxu għad-diversifikazzjoni ta' provvista u l-integrazzjoni tas-swieq reġjonali fis-suq intern ta' l-UE, filwaqt li jiġi nnotat ir-rwol primarju ta' l-intrapriżi involuti
- Li d-djalogu UE-Russja jsir aktar effettiv inkluż fir-rigward tar-ratifikazzjoni tal-Karta ta' l-Enerġija u l-konklużjoni tal-Protokoll ta' Transitu waqt il-presidenza tar-Russja tal-G8
- L-iżvilupp ta' strateġija għall-esportazzjoni ta' l-approċċ tas-suq intern ta' l-enerġija lill-pajjiżi ġirien
- L-iżgurar ta' prijorità adegwata għall-enerġija tas-7 Programm Kwadru
- Il-bidu ta' l-analiżi ta' provvista fil-perijodu fit-tul u perspettivi ta' domanda
- It-titjib tat-trasparenza tas-suq ta' l-enerġija b'mod partikolari d-data dwar kapaċitajiet ta' ħażna tal-gass u dwar stokkijiet taż-żejt

IT-TIELET PARTI

IŻ-ŻAMMA TA' MOMENTUM F'KULL LIVELL

(a) *L-iżgurar ta' finanzi pubbliċi sodi u sostenibbli*

52. Fil-preżent, 12-il Stat Membru ta' l-UE huma f'defiċit eċċessiv u l-livelli ta' dejn huma 'l fuq mis-60% tal-PGD f'bosta Stati Membri. F'dan l-isfond, il-Kunsill Ewropew jitlob lill-Istati Membri jużaw l-opportunità ta' l-irkupru ekonomiku li qed jevolvi biex ifittxu konsolidazzjoni fiskali, f'konformità mal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir. Fil-kuntest ta' l-irkupru li għaddej, l-Istati Membri għandhom jagħmlu progress mgħaġġel lejn l-oġġettiv tagħhom fil-perijodu medju u dawk l-Istati Membri f'defiċit eċċessiv għandhom jistinkaw għal konsolidazzjoni fiskali ambizzjuża sabiex itemmu d-defiċit eċċessiv tagħhom malajr kemm jista' jkun.
53. Hemm bżonn ta' riformi komprensivi ulterjuri f'ħafna Stati Membri sabiex tiġi mtejba is-sostenibbiltà tas-sistemi ta' għajjnuna soċjali tagħhom, u jiġu affrontati l-konsegwenzi ekonomiċi u tal-*budget* tax-xjuħija. F'dan il-kuntest, il-Kunsill Ewropew jilqa' r-rapport dwar l-impatt ta' popolazzjonijiet li qed jixjieħu fuq in-nefqa pubblika, u jafferma mill-ġdid l-istrateġija fuq tliet linji, bil-għan li jitnaqqas id-dejn pubbliku, jiżdiedu r-rati ta' l-impjieg u l-produttività, u jiġu riformati s-sistemi tal-pensjonijiet u tal-kura tas-saħħa. Miżuri li jiskoraġġixxu l-irtirar kmieni mill-forza tax-xogħol, jew li jnaqqsu l-ispejjeż tal-pensjonijiet għandhom jiġu promossi. Apparti dan il-Kunsill Ewropew jistieden lill-Kummissjoni biex twettaq valutazzjoni komprensiva tas-sostenibbiltà tal-finanzi pubbliċi ta' l-Istati Membri sa tmiem l-2006, bl-użu tal-qafas miftiehem b'mod komuni, li għandu jiġi diskuss sussegwentement mill-Kunsill.
54. Il-Kunsill Ewropew jissottolinja l-ħtieġa li tiġi mtejba ulterjorment l-effiċjenza u l-effikaċja ta' l-infiq pubbliku u tat-taxxi sabiex titjeb il-kwalità tal-finanzi pubbliċi u jitrawmu attivitajiet li jtejbu t-tkabbir u l-impjieg, f'konformità mal-prijoritajiet tas-sħubija għat-tkabbir u l-impjieg.

55. L-integrazzjoni monetarja toħloq effetti ta' sostituzzjoni (*spillover effects*) aktar qawwijin fost il-membri. Is-sħubija fiż-żona ta' l-euro tpoġġi wkoll enfasi partikolari fuq il-koordinazzjoni effettiva ta' politika biex jiġu żgurati d-dixxiplina fiskali u l-flessibbiltà sabiex ilaħħqu ma' xokkijiet asimetriċi, u biex ikomplu bl-aġġustament strutturali meħtieġ per eżempju biex jittrattaw tendenzi li jiddevjaw fil-kompetittività. F'dak ir-rigward, konsolidazzjoni fiskali ulterjuri u riformi strutturali mtejbja fi prodotti, servizzi, swieq tax-xogħol u tal-proprejtà huma importanti b'mod speċjali fl-Istati Membri taż-żona ta' l-Euro u jeħtieġu koordinazzjoni effettiva ta' politika f'din iż-żona.

(b) L-ikkompletar tas-suq intern u l-promozzjoni ta' l-investment

56. L-estensjoni u l-approfondiment tas-suq intern huwa element ewlieni biex jinkisbu l-għanijiet ta' l-Istrateġija mġedda. Għaldaqstant, il-Kunsill Ewropew jappella għal:

- qbil finali dwar il-pakkett REACH qabel it-tmiem ta' l-2006, kif ukoll – jekk jista' jintlaħaq qbil bejn il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ma' l-ewwel qari – dwar ir-Regolament marbut mill-qrib li jikkonċerna l-klassifikazzjoni u t-tikkettar ta' sustanzi u taħlitiet perikolużi;
- tlestija ta' qafas legali effettiv fil-livell ta' l-UE u dak internazzjonali għall-protezzjoni tad-drittijiet ta' proprjetà intellettuali;
- progress ulterjuri fis-simplifikazzjoni u l-immodernizzar tas-sistema tal-VAT u dik doganali;
- promozzjoni ta' suq finanzjarju integrat b'mod sħiħ u li jiffunzjona tajjeb u aċċess aħjar għall-finanzi, b'mod partikolari permezz ta' l-implimentazzjoni tal-miżuri FSAP u l-programm ta' ħidma tal-Kummissjoni deskritt fil-qosor fil-White Paper dwar il-Politika dwar is-Servizzi Finanzjarji (2005-2010), filwaqt li jsir progress fuq il-kumpens u r-regolament ta' transazzjonijiet ta' titoli, il-ħolqien ta' Żona Unika ta' Pagament fl-UE, it-tisħiħ tal-qafas għas-superviżjoni u l-immaniġġar ta' kriżijiet ta' setturi finanzjarji transkonfini, u rikonoxximent reċiproku ta' l-istandards tal-kontabilità ma' l-Istati Uniti.

57. Waqt li jfakkar il-konklużjonijiet tiegħu ta' Marzu 2005 u l-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-Kompetittività tat-13 ta' Marzu 2006, il-Kunsill Ewropew jenfasizza li s-suq intern għas-servizzi għandu jsir kompletament operattiv, waqt li jiġi ppreservat il-mudell soċjali Ewropew, billi jinkiseb kunsens wiesa' dwar id-Direttiva dwar is-Servizzi. Il-Kunsill Ewropew jilqa' l-vot tal-Parlament Ewropew u jistenna bil-ħerqa l-proposta modifikata tal-Kummissjoni. Il-Kunsill Ewropew jieħu nota tajba ta' l-intenzjoni tal-Kummissjoni li tibbaża l-proposta ta' emenda fil-biċċa l-kbira fuq ir-risultat ta' l-ewwel qari tal-Parlament Ewropew u jesprimi t-tama li l-istituzzjonijiet ser ikunu kapaċi jikkonkludu malajr il-proċess leġislativ.
58. Il-Kunsill Ewropew jilqa' l-preżentazzjoni tal-komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-funzjonament tal-Ftehim Transizzjonali dwar il-libertà ta' moviment u jieħu nota tal-valutazzjoni li tinsab fiha. F'dan l-isfond, u fid-dawl ta' l-esperjenza, l-Istati Membri ser jinnotifikaw lill-Kummissjoni bl-intenzjonijiet tagħhom skond id-disposizzjonijiet rilevanti tat-Trattat ta' l-Adeżjoni ta' l-2003.
59. Il-Kunsill Ewropew jitlob lill-Istati Membri biex jittrasponu, jinfurzaw u jimplimentaw bis-sħiħ il-leġislazzjoni tal-KE biex jippermettu lill-konsumaturi, lill-ħaddiema u lin-negozji jgawdu l-benefiċċji ta' swieq kompetittivi u mingħajr fruntieri.
60. Il-Kunsill Ewropew ifakkar il-Programm ta' l-Aja ta' Novembru 2004 li bih il-migrazzjoni legali jista' jkollha rwol importanti fit-tisħiħ ta' l-ekonomija bbażata fuq it-tagħrif fl-Ewropa, fl-avvanz ta' l-iżvilupp ekonomiku, u b'hekk tikkontribwixxi għall-implimentazzjoni tas-Sħubija għat-
tkabbir u l-impjiegi. Huwa jieħu nota tal-Pjan ta' Politika tal-Kummissjoni dwar il-Migrazzjoni Legali ppreżentat f'Diċembru 2005.

61. Filwaqt li jieħu kont dovut tal-prinċipju ta' sussidjarjetà u proporzjonalità u l-importanza li jiġi rispettat l-acquis communautaire, il-Kunsill Ewropew jissottolinja l-importanza li jagħti lir-Regolazzjoni Aħjar fil-livell nazzjonali u dak Ewropew bħala element ewlieni fil-kisba tal-miristat-Sħubija għall-impjiegi u t-tkabbir u jħeġġeġ lill-istituzzjonijiet kollha u lill-Istati Membri biex jimplimentaw l-impenji rispettivi tagħhom, inkluż billi jużaw valutazzjoni ta' impatt robusta u bbilanċjata bil-kejl ta' l-ispejjeż amministrattivi, bit-tweqqif tal-programm evoluttiv ta' simplifikazzjoni għas-setturi prijoritarji ta' l-industriji ta' l-iskart, il-kostruzzjoni u l-karozzi. Piżijiet burokratiċi żejda jfixxlu d-dinamiżmu imprenditorjali u jpoġġu ostakolu sinifikanti għall-ekonomija iżjed innovattiva u msejsa b'mod intensiv fuq it-tagħrif. Tali piżijiet jagħmlu ħsara b'mod partikolari lil intrapriżi żgħira u ta' daqs medju, li jammontaw għal żewġ terzi ta' l-impjiegi fl-Ewropa.
62. Il-Kunsill Ewropew jilqa' l-intenzjoni tal-Kummissjoni li tressaq analiżi tal-progress li sar sal-lum u ta' fejn tenħtieġ aktar ħidma biex ikompli jsir progress fis-setturi kollha ta' regolamentazzjoni aħjar: simplifikazzjoni, valutazzjoni ta' l-impatt, revoki u rtirar, kodifikazzjoni, analiżijiet settorjali, tnaqqis f'piżijiet amministrattivi, involviment fin-negozju, intrapriżi żgħira u ta' daqs medju (SMEs). Il-Kunsill Ewropew ifakkar li regolamentazzjoni aħjar hija wkoll materja li l-Istati Membri għandhom jimplimentaw fit-tiswir tal-liġi domestika u fit-trasposizzjoni tal-Liġi Komunitarja u jafferma mill-ġdid l-impenn tiegħu biex isir progress f'kull wieħed minn dawn l-oqsma.
63. Il-Kunsill Ewropew jagħraf l-importanza ta' politika ta' kompetizzjoni pro-attiva, qafas regolatorju li jiffaċilita l-aċċess għas-suq u riforma ta' l-għajnuna mill-Istat bħala strumenti ta' politika ewlenin biex ikun hemm inċentivi għall-innovazzjoni u biex jiġu allokat i rżorsi produttivi b'mod effiċjenti. Huwa jagħraf ir-rwol importanti tal-kompetizzjoni biex jiġi żgurat it-tħaddim effettiv ta' l-industriji tan-*network* ta' l-Ewropa. Huwa jitlob lill-Istati Membri biex jieħdu azzjoni f'dan l-oqsma.

64. Il-Kunsill Ewropew jagħraf l-importanza kruċjali għas-Sħubija għal impjiegi u tkabbir ta' l-użu iżjed produttiv ta' teknoloġiji ta' l-informazzjoni u l-komunikazzjoni f'organizzazzjonijiet ta' kummerċ u amministrazzjoni madwar l-Unjoni Ewropea. Linji politiċi tat-teknoloġija ta' l-informazzjoni u l-komunikazzjoni (ICT) iffukati, effettivi u integrati kemm fil-livell Ewropew kif ukoll fil-livell nazzjonali huma essenzjali biex jinkisbu l-miri ta' l-Istrateġija ta' tkabbir ekonomiku u produttività. F'dan il-kuntest, huwa jinnota l-importanza għall-kompetittività li jiġu mnaqqsu t-tariffi tar-roaming. Għalhekk, il-Kunsill Ewropew jitlob lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jimplimentaw l-Istrateġija l-ġdida i2010 b'mod vigoruż. Minħabba l-importanza ta' l-ICTs, il-Kunsill Ewropew jistieden lill-Presidenza l-ġdida terġa' lura għal din il-kwistjoni qabel l-aħħar ta' l-2006.
65. B'appoġġ għat-tlestija u l-approfondiment tas-suq intern, huma meħtieġa sforzi ulterjuri bil-ħsieb li jsir progress fuq l-espansjoni, it-titjib, l-interkonnnessjoni u l-interoperabilità ta' l-infrastruttura Ewropea. Il-Kunsill Ewropew jenfasizza l-importanza li jitwettqu l-proġetti TEN fl-oqsma tat-trasport u l-enerġija u li jiġu stabbiliti l-inċentivi ġusti għall-investiment fl-infrastruttura mill-Istati Membri u l-istituzzjonijiet Ewropej.
66. Il-Kunsill Ewropew jilqa' l-kontribut tal-Grupp tal-Bank Ewropew ta' l-Investiment (BEI) għall-promozzjoni tat-tkabbir u l-impjiegi, li, waqt li jibni fuq l-Azzjoni Ewropea għat-Tkabbir bi strumenti finanzjarji ġodda li jikkombinaw ir-riżorsi pluriennali ta' l-UE u tal-BEI, ser ibiddlu l-kwalità ta' l-operazzjonijiet tal-Bank lejn valur miżjud u riskju aktar għoljin, u b'hekk jagħmel pressjoni fuq il-kapital privat biex iżid b'mod sostanzjali l-finanzjament disponibbli għal investimenti li jtejbju t-tkabbir fl-R&Ż, l-SMEs, l-infrastruttura u s-sigurtà fl-enerġija fl-Ewropa.
67. Il-Kunsill Ewropew jistieden lill-atturi rilevanti biex jieħdu l-passi ta' segwitu meħtieġa mingħajr dewmien, waqt li jieħu kont tal-ftehim finali dwar il-Perspettivi Finanzjarji, u jirrispetta l-qafas miftiehem għall-kapital tal-BEI (jiġifieri l-ebda żieda fil-kapital qabel l-2010 u awto-finanzjament permezz ta' riservi) u l-ħtieġa li jwettaq il-kompiti tiegħu taħt it-Trattat. Huwa jissottolinja wkoll il-ħtieġa għal kooperazzjoni mill-qrib bejn l-BEI u l-Kummissjoni kif ukoll bejn l-BEI u l-EBRD sabiex jisfruttaw bis-sħiħ il-funzjoni ta' katalista tagħhom fir-rigward tat-tkabbir ekonomiku u l-impjiegi.

68. Il-Kunsill Ewropew jissottolinja ulterjorment l-importanza li jiġu żgurati swieq miftuħa u kompetittivi ġewwa u barra l-Ewropa. Riżultat ambizzjuż u bbilanċjat tan-negozjati WTO DDA jista' jagħti kontribut sinifikanti għat-tkabbir Ewropew.

(ċ) *It-tisħiħ tal-koeżjoni soċjali*

69. L-istrateġija l-ġdida għall-impjiegi u t-tkabbir tipprovdi qafas fejn il-politika ekonomika, dik dwar l-impjiegi u dik soċjali jirrinforzaw lil xulxin b'mod reċiproku, waqt li jiżguraw li jsir progress b'mod parallel fil-ħolqien ta' l-impjiegi, il-kompetittività, u l-koeżjoni soċjali f'konformità mal-valuri Ewropej. Biex il-mudell soċjali Ewropew ikun sostenibbli, jeħtieġ li l-Ewropa żżid l-isforzi tagħha biex toħloq iżjed tkabbir ekonomiku, livell ogħla ta' impjieg u produttività waqt li ssaħħa l-inklużjoni soċjali u l-protezzjoni soċjali f'konformità ma' l-oġettivi previsti fl-Aġenda Soċjali.

70. Il-Kunsill Ewropew tar-Rebbiegħa f'Marzu 2005 ddikjara fl-okkażjoni tar-reviżjoni ta' nofs it-term ta' l-Istrateġija li t-tkabbir u l-impjiegi huma għas-servizz tal-koeżjoni soċjali. F'dan il-kuntest, il-Kunsill Ewropew jilqa' r-Rapport Konġunt għall-Protezzjoni Soċjali u l-Inklużjoni Soċjali u l-oġettivi u l-metodi ta' ħidma ġodda f'dan il-qasam u jitlob lill-Istati Membri biex jissottomettu r-Rapporti Nazzjonali għall-Protezzjoni Soċjali u l-Inklużjoni Soċjali għall-2006-2008 sa Settembru 2006. Il-Kummissjoni u l-Kunsill ser jgħarrfu lil kull Kunsill Ewropew tar-Rebbiegħa bir-Rapport Konġunt dwar il-progress fil-qasam tal-protezzjoni soċjali u l-inklużjoni soċjali. Il-Kunsill Ewropew jissottolinja wkoll il-kontribut potenzjali li n-negozji jistgħu jagħtu permezz tar-responsabbiltà soċjali korporattiva u jilqa' l-komunikazzjoni reċenti tal-Kummissjoni dwar din il-kwistjoni.

71. Il-Kunsill Ewropew jenfasizza li l-linji politiċi għall-protezzjoni soċjali u l-inklużjoni soċjali għandhom ikunu kkoordinati mill-qrib mas-Sħubija għal impjiegi u tkabbir, kemm fil-livell nazzjonali kif ukoll fil-livell Ewropew sabiex jiġi żgurat li linji politiċi ekonomiċi, dawk dwar l-impjiegi u dawk soċjali jkollhom azzjoni reċiproka b'mod pożittiv u li l-protezzjoni soċjali tiġi kkunsidrata bħala fattur produttiv.

72. Il-Kunsill Ewropew jafferma mill-ġdid l-oġġettiv tas-Sħubija għat-tkabbir u l-impjiegi li għandhom jittieħdu passi biex isir impatt deċiżiv fuq it-tnaqqis tal-faqar u l-esklużjoni soċjali sa l-2010. L-Unjoni u l-Istati Membri għnadhom jistinkaw għal linji politiċi dwar l-inklużjoni soċjali, bl-approċċ multidimensjonali tagħha, b'konċentrazzjoni fuq gruppi ta' mira bħat-tfal li jinsabu fil-faqar. Il-Kunsill Ewropew jitlob lill-Istati Membri jieħdu l-miżuri meħtieġa biex inaqqsu l-faqar fost it-tfal b'mod rapidu u sinifikanti, u b'hekk it-tfal kollha jiġu mogħtija opportunitajiet indaqs, irrispettivament mill-isfond soċjali tagħhom.
73. Il-Kunsill Ewropew jenfasizza li fid-dawl tal-bidliet demografiċi fl-Unjoni Ewropea r-rati ta' impjiegi għandhom jiżiedu u għandha tiġi promossa r-rikonċiljazzjoni tal-ħajja tax-xogħol u dik tal-familja. Biex jiġu indirizzati dawn l-isfidi demografiċi, ser ikun hemm bżonn li jiġu appoġġati linji politiċi li jagħmluha possibbli li l-ħajja tax-xogħol tkun magħquda mal-ħajja tat-tfal u tal-familja, l-opportunitajiet indaqs, il-promozzjoni ta' solidarjetà bejn il-ġenerazzjonijiet, il-promozzjoni tas-saħħa, it-titjib tal-kura tat-tfal u ta' nies oħra fil-bżonn ta' kura bi prezz raġonevoli, it-tagħlim tul il-ħajja u rata akbar ta' impjiegi għaż-żgħażagħ, ħaddiema aktar anzjani u gruppi żvantaġġati. Il-Fond Soċjali Ewropew ser ikollu rwol importanti f'dan il-kuntest.
74. Hemm bżonn ukoll ta' progress ulterjuri għal dak li jikkonċerna miżuri għaż-żgħażagħ, inkluż l-implimentazzjoni tal-Patt Ewropew għaż-Żgħażagħ. Il-Kunsill Ewropew iħeġġeġ lill-Istati Membri biex jirrinfurzaw ir-rabtiet bejn il-linji politiċi dwar l-edukazzjoni, it-taħriġ, l-impjiegi, l-inklużjoni soċjali u l-mobbiltà, sabiex jiġu żviluppati strateġiji intersettorjali aktar effettivi. Il-Kummissjoni u l-Istati Membri huma mitlubin jinvolvu ż-żgħażagħ u organizzazzjonijiet taż-żgħażagħ fl-implimentazzjoni tal-Patt Ewropew għaż-Żgħażagħ.

(d) Tkabbir ambjentalment sostenibbli

75. Minbarra l-importanza tagħha fiha nnifisha, il-politika ambjentali tista' tagħti kontribut importanti għall-impjiegi u t-tkabbir u tista' tħalli impatt pożittiv fuq setturi importanti bħalma huma l-ispejjeż tas-saħħa pubblika u tal-kura tas-saħħa, u l-inklużjoni soċjali u l-koeżjoni kif ukoll fuq l-iżvilupp ta' Politika dwar l-Enerġija għall-Ewropa, inkluż il-promozzjoni tas-sigurtà fl-enerġija u l-effiċjenza fl-enerġija.

76. Il-Kunsill Ewropew jendorsja l-linji għal azzjoni li ġejjin:

- il-promozzjoni qawwija u d-diffużjoni ta' eko-innovazzjonijiet u teknoloġiji ambjentali, *inter alia* permezz tal-Pjan ta' Azzjoni dwar it-Teknoloġija Ambjentali u l-kunsiderazzjoni tal-ħolqien ta' miri għall-eżekuzzjoni;
- is-segwitu tal-Pjan ta' Azzjoni dwar il-Klima ta' Montreal taħt il-Konvenzjoni Kwadru tan-NU dwar il-Bidla fil-Klima, it-tħejjija ta' għażliet għal arranġament għal wara l-2012 konsistenti ma' li jintlaħaq l-oġġettiv ta' 2°C mingħajr dewmien permezz ta' impenn kostruttiv fi djalogu wiesa' dwar azzjoni ta' kooperazzjoni fit-tul u fl-istess ħin permezz ta' proċess taħt il-Protokoll ta' Kyoto;
- ir-reviżjoni ta' l-indikaturi strutturali ambjentali sabiex ikopru d-dimensjoni ambjentali ta' l-Istrateġija għall-impjiegi u t-tkabbir b'mod iżjed komprensiv u koerenti;
- l-implimentazzjoni urġenti ta' l-oġġettiv ta' l-UE li titwaqqaf it-telfa tal-bijodiversità sa l-2010, notevolment billi jiġu integrati l-ħtiġiet tagħha fil-linji politiċi kollha rilevanti ta' l-aġenda ta' Lisbona li jinkludu l-elaborazzjoni ta' l-indikatur strutturali dwar il-bijodiversità, u bi preżentazzjoni u diskussjoni bil-ħeffa tal-komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-bijodiversità;
- l-esplorazzjoni ta' azzjonijiet speċifiċi biex iwasslu għal mudelli ta' konsum u ta' produzzjoni aktar sostenibbli fil-livell ta' l-UE u dak globali, inkluż l-iżvilupp ta' pjan ta' Azzjoni UE SCP, u t-trawwim ta' akkwist pubbliku ekoloġiku, *inter alia* billi jiġu promossi kriterji ambjentali u miri ta' prestazzjoni, billi tiġi eżaminata l-proposta għal Direttiva dwar il-promozzjoni ta' vetturi li ma jniġġsux għat-trasport bit-triq malajr kemm jista' jkun u billi jsir progress fir-rigward tar-realizzazzjoni ta' politika Ewropea ambizzjuża bbażata fuq is-sors;
- l-esplorazzjoni ulterjuri ta' inċentivi u disinċentivi adatti, u riforma tas-sussidji li għandhom effetti negattivi konsiderevoli fuq l-ambjent u li mhumiex kompatibbli ma' l-iżvilupp sostenibbli, bil-ħsieb li jiġu gradwalment eliminati;

Nefqa fuq ir-R&Ż (2004) bħala % tal-PGD u miri stabbiliti mill-Istati Membri fil-Programmi

Nazzjonali ta' Riforma

Stat Membru	2004 ¹	Mira għall-2010 jew snin oħra ²	Rimarki
Belġju	1,93	3,00	
Repubblika Ċeka	1,28	2,06	Mira ta' 1% ta' R&Ż pubbliċi b'1,06% stmati ta' nefqa privata
Danimarka	2,61	3,00	Target of 1% public R&D in 2010
Ġermanja	2,49	3,00	
Estonja	0,91	1,90	
Greċja	0,58	1,50	
Spanja	1,07	2,00	
Irlanda	1,20	2,50% tal-PGN	Mira għall-2013.
Franza	2,16	3,00	
Italja	1,14	2,5	
Ċipru	0,37	1,0	
Latvja	0,42	1,50	
Litwanja	0,76	2,00	
Lussemburgu	1,78	3,00	
Ungerija	0,89	1,8	b'żieda fil-parteċipazzjoni tas-settur privat
Malta	0,273	0,75	
Olanda	1,77	3,00	
Awstrija	2,26	3,00	
Polonja	0,58	1,65	Mira għall-2008.
Portugall	0,78	1,80	Mira ta' 1% R&Ż pubbliku u ttriplikar tar-R&Ż privat.
Slovenja	1,61	3,00	
Slovakkja	0,53	1,80	
Finlandja	3,51	4,00	
Svezja	3,74	4,00	Mira ta' 1% R&Ż pubbliku u ebda bidla fir-R&Ż privat.
Renju Unit	1,79	2,50	Mira għall-2014.

¹ Sors: Eurostat. Il-biċċa l-kbira tal-valuri huma provviżorji. Il-valuri għal IT, LU u PT jirreferu għall-2003.

² Sors: Programmi Nazzjonali ta' Riforma, bi stimi tal-Kummissjoni Ewropea bbażati fuq il-miri pprovduti minn PT, SE.

PATT EWROPEW GĦALL-UGWALJANZA BEJN IS-SESSI

B'konsiderazzjoni għar-*road map* dwar l-ugwaljanza bejn is-sessi proposta mill-Kummissjoni u l-ħtieġa li:

- isir kontibut għat-twettiq ta' l-ambizzjonijiet ta' l-UE dwar l-ugwaljanza bejn is-sessi kif imsemmi fit-Trattat,
- jiġi mneħħija d-differenzi bejn is-sessi fl-impjieg u l-protezzjoni soċjali, b'hekk jikkontribwixxi biex isir użu sħiħ tal-potenzjal produttiv tal-forza tax-xogħol Ewropea,
- isir kontribut sabiex jintlaħqu l-isfidi demografiċi permezz tal-promozzjoni ta' bilanċ aħjar bejn ix-xogħol u l-ħajja għan-nisa u l-irġiel,

il-Kunsill Ewropew adotta Patt Ewropew biex tiġi mhegħa azzjoni fil-livell ta' l-Istati Membri u l-Unjoni fl-oqsma li ġejjin:

Miżuri biex jitneħħew id-differenzi bejn is-sessi u jiġi miġġielda l-isterjotipi dwar is-sessi fis-suq tax-xogħol

- il-promozzjoni ta' l-impjieg tan-nisa fil-kategoriji kollha ta' età u tnaqqis tad-differenzi bejn is-sessi fl-impjieg, inkluż permezz tal-ġlieda kontra l-forom kollha ta' diskriminazzjoni;
- l-istess paga għall-istess xogħol;
- il-ġlieda kontra l-isterjotipi dwar is-sessi, b'mod partikolari dawk relatati mas-suq tax-xogħol fejn ikun hemm segregazzjoni abbażi tas-sess u fl-edukazzjoni;
- il-konsiderazzjoni ta' kif is-sistemi ta' l-għajjuna soċjali jistgħu jsiru aktar favorevoli għall-impjieg tan-nisa;
- il-promozzjoni ta' l-emanċipazzjoni tan-nisa fil-ħajja politika u ekonokmika u fil-ħila intraprenditorjali tan-nisa;
- it-thegħiġ lill-imsieħba soċjali u l-intrapriżi biex jiżviluppaw inizzjattivi favur l-ugwaljanza bejn is-sessi u l-promozzjoni ta' pjanijiet ta' ugwaljanza bejn is-sessi fuq il-post tax-xogħol;
- l-integrazzjoni tal-perspettiva dwar is-sessi fl-attivitajiet pubbliċi kollha.

Miżuri għall-promozzjoni ta' bilanċ aħjar għal kulħadd bejn ix-xogħol u l-ħajja

- il-kisba ta' l-oġġettivi stabbiliti fil-Kunsill Ewropew f'Barċellona f'Marzu 2002 dwar il-proviżjoni ta' faċilitajiet għall-kura tat-tfal;
- it-titjib fil-proviżjoni ta' faċilitajiet ta' kura għal dipendenti oħra;
- il-promozzjoni tal-*leave* tal-ġenituri kemm għan-nisa kif ukoll għall-irġiel.

Miżuri biex tissaħħaħ il-governanza permezz ta' l-integrazzjoni tas-sessi u monitoraġġ aħjar

- li jiġi żgurat li jittieħed kont ta' l-effetti ta' l-ugwaljanza bejn is-sessi fil-valutazzjonijiet ta' l-impatt ta' linji politiċi ġodda ta' l-UE;
- li jiġu żviluppati aktar l-istatistika u l-indikaturi li mhumiex miġbura skond is-sess;
- l-użu sħiħ ta' l-oportunitajiet ippreżentati permezz ta' l-istabbiliment ta' l-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi

Il-Patt Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi, kif ukoll ir-Rapport Annwali dwar l-Ugwaljanza bejn in-Nisa u l-Irġiel, għandhom jiġu integrati fil-mekkaniżmi ta' segwitu stabbiliti tas-Sħubija għat-tkabbir u l-impjiegi, b'kont meħud tal-Patt Ewropew taż-Żgħażaġħ, u jimmiraw għall-promozzjoni ta' l-implimentazzjoni ta' l-integrazzjoni tas-sessi f'azzjonijiet meħudin fi ħdan l-istrateġija. Meta jsiru rapporti dwar l-implimentazzjoni tal-PNR tagħhom għall-impjiegi u t-tkabbir, l-Istati Membri huma mħeġġa jinkludu perspettiva ta' ugwaljanza bejn is-sessi, speċjalment fir-rigward tal-Linja Gwida 18. Il-Kummissjoni u l-Kunsill huma mistiedna biex jagħmlu l-istess fir-Rapport ta' Progress Annwali dwar is-Sħubija għat-tkabbir u l-impjiegi.

POLITIKA DWAR L-ENERĠĠJA GĦALL-EWROPA (PEE)

LISTA INDIKATTIVA TA' AZZJONIJIET

L-azzjonijiet elenkati hawn taħt jikkonċernaw kemm l-aspetti interni kif ukoll esterni tal-politika dwar l-enerġija u jistgħu jikkontribwixxu għal iżjed minn waħda mit-tliet objettivi tagħha. Li tissemma azzjoni partikolari huwa mingħajr preġudizzju għad-diviżjoni tal-kompetenzi bejn il-KE u l-Istati Membri.

SIGURTÀ TAL-PROVVISTA

L-affrontar ta' diżordni fil-provvista

1. Waqt li tiġi mfakkra r-responsabbiltà primarja ta' l-Istati Membri fir-rigward tad-domanda domestika tagħhom u f'sinerġija ma' mekkaniżmi eżistenti, tiġi żgurata d-disponibbiltà ta' miżuri mitiganti u mekkaniżmi ta' koordinazzjoni effettivi f'każ ta' kriżi ta' provvista bbażata fuq il-prinċipji ta' solidarjetà u sussidjarjetà, eż. billi tiġi kkunsidrata taħlita flessibbli tal-miżuri stabbiliti fid-Direttiva dwar il-Provvista tal-Gass, b'kont meħud tad-*data* mtejbja dwar il-kapaċitajiet ta' ħażna u l-ħażniet ta' gass.
2. Tiġi msaħħa l-ġestjoni fuq in-naħa tad-domanda, b'mod partikolari fis-setturi tal-bini u t-trasport, biex jiġi mgħaġġel ir-rispons għad-domanda.
3. Tiġi mtejbja l-effettività tal-fornimenti tal-gass u ż-żejt.

Diversifikazzjoni Intensifikata

4. L-Istati Membri għandhom jintensifikaw l-istrateġiji ta' diversifikazzjoni tagħhom waqt li jikkonsidraw l-iżvilupp ta' approċċ komuni, sew jekk f'termini tal-pajjiżi fornituri kif ukoll tar-rotot ta' trasport. Rotot ġodda ta' provvista ta' gass għandhom jinfetħu b'mod partikolari mir-reġjun Caspian u l-Afrika ta' Fuq. Din id-diversifikazzjoni m'għandhiex tkun limitata għal sorsi esterni iżda tinkludi l-iżvilupp u l-isfruttament tal-potenzjal ta' enerġija indiġena u l-effiċjenza fl-enerġija.

5. It-tlestija ta' infrastruttura ta' *network*, fid-direzzjoni tal-Lvant-Punent iżda wkoll tul l-assi Nofsinhar-Tramuntana, u tal-faċilitajiet ta' LNG (Gass Naturali Likwifikat) li jikkontribwixxu għal dik id-diversifikazzjoni għandhom jiġu mgħaġġla, u għandhom jiġu promossi swieq ta' LNG ibbażati fuq il-kompetittività.
6. Soġġett għal ħtiġiet ta' kompetizzjoni, il-kontribut ta' kuntratti fil-perijodu fit-tul għandu jiġi rikonoxxut kemm mill-perspettiva tad-domanda kif ukoll tal-provvista.

Dimensjoni esterna tas-sigurtà tal-provvista

7. Tiġi żviluppata vuċi komuni b'appoġġ għall-oġġettivi tal-politika dwar l-enerġija meta jiġu indirizzati pajjiżi terzi, li qed irawmu approċċ iżjed kooperattiv fir-rigward ta' l-aċċess għar-riżorsi ta' l-enerġija, l-istabbiltà fil-pajjiżi ta' transitu u pajjiżi produttori, u s-sigurtà fl-enerġija. F'dan ir-rigward id-diversifikazzjoni intensifikata li trid tiġi segwita ser iżżid il-marġini ta' manuvrar ta' l-UE fir-relazzjonijiet tagħha ma' pajjiżi terzi.
8. Jiġi żgurat d-dħul fis-seħħ tat-Trattat Komunitarju dwar l-Enerġija (ma' l-Ewropa tax-Xlokk) fl-2006 u tiġi kkunsidrata l-estensjoni tas-sħubija jew tal-prinċipji tiegħu għall-pajjiżi ġirien.
9. Jiġi żviluppat qafas komuni għall-istabbiliment ta' sħubiji ġodda ma' pajjiżi terzi, inklużi pajjiżi ta' transitu u jiġu mtejbja dawk eżistenti. Dan il-qafas għandu jikkunsidra l-implikazzjonijiet ġeopolitiċi ta' l-approċċi ta' pajjiżi terzi lejn l-enerġija. Is-sħubiji mill-konsumatur għall-produttur għandhom jiġu supplimentati ma' oħrajn mill-konsumatur għall-konsumatur. Il-fora kollha għandha tintuża' tajjeb għat-twettiq ta' dawn id-djalogi, li jistgħu jitmexxew f'ambjent reġjonali (eż. OPEC, Euromed, jew iż-żona ta' Dimensjoni tat-Tramuntana) jekk dan iżid ma' l-effettività tagħhom, inkluż għall-għajnuna fil-medjazzjoni fil-każ ta' diżgwid li jolqot il-provvista. L-Istati Membri għandhom ikunu adegwatament rappreżentati f'dawn il-fora, b'mod partikolari l-IEA.
10. Sabiex jiġi massimizzat ir-riżultat ta' dawn id-djalogi kif ukoll il-faċilitazzjoni ta' l-aċċess ta' pajjiżi li qed jiżviluppaw għall-enerġija sostenibbli u teknoloġiji relatati, għandhom jiġu sfruttati b'mod sħiħ is-sinerġiji ma' organizzazzjonijiet internazzjonali, inklużi l-IFI's.

11. Id-Djalogu dwar l-Enerġija mar-Russja għandu jingħata ħaġġa ġdida u jsir iżjed miftuħ u effettiv b'appoġġ għall-oġġettivi ta' l-enerġija ta' l-UE, ibbażati fuq l-inter-dipendenza reċiproka tagħna fuq kwistjonijiet ta' enerġija u għalhekk il-ħtieġa għal kondizzjonijiet ta' investment siguri u prevedibbli kemm għall-kumpanniji ta' l-UE kif ukoll Russi u għar-reċiproċità f'termini ta' aċċess għas-swieq u l-infrastruttura kif ukoll aċċess mhux diskriminattiv għal parti terza għall-linji tal-katusi fir-Russja, waqt li jiġu żgurati kondizzjonijiet ugwali f'termini ta' sigurtà, inkluż is-sigurtà nukleari, u l-protezzjoni ambjentali. Għandhom isiru sforzi deċiżivi biex jitlesta n-negozjar tal-Protokoll ta' Transitu tal-Karta dwar l-Enerġija u żgurata r-ratifika tar-Russja tat-Trattat tal-Karta dwar l-Enerġija.

KOMPETITIVITÀ TAS-SUQ U INVESTIMENT

Aktar integrazzjoni tas-suq għall-benefiċċju tan-negozji u l-konsumaturi

12. Jiġi mtejjeb l-iskambju reġjonali transkonfini u jiġi mgħaġġel l-iżvilupp tal-kooperazzjoni ta' l-enerġija reġjonali waqt li tiġi ffaċilitata l-integrazzjoni tas-swieq ta' l-enerġija reġjonali fi u l-iżvilupp ulterjuri tas-suq intern ta' l-UE partikolarment permezz ta' miżuri ta' interkonnessjoni adegwati. Għal dak il-għan il-Kummissjoni għandha tissottometti Pjan ta' Interkonnessjoni ta' Priorità sa tmiem l-2006 li jiddefinixxi l-miżuri li jridu jittieħdu fuq il-livell ta' l-Istati Membri kif ukoll fuq il-livell Komunitarju. Dawn il-miżuri ser jikkontribwixxu wkoll biex tintlaħaq il-mira ta' livell ta' interkonnessjonijiet ta' l-elettriku ekwivalenti għal mill-anqas 10% tal-kapaċità ta' produzzjoni installata tagħhom kif miftehema mill-Kunsill Ewropew f'Barċellona fl-2002.
13. In-networks jiġu magħmula joperaw bħala grilja waħda mill-perspettiva ta' l-utent aħħari billi jitlestew ir-regoli tekniċi meħtieġa għall-kummerċ transkonfini fl-enerġija, jiġi mtejjeb l-funzjonament ta' l-istrumenti ta' flessibilità tas-suq tal-gass, inkluż il-kapaċitajiet ta' ħażna, l-aċċess għal networks u l-ġestjoni tal-konġestjoni fis-suq ta' l-elettriku. Huwa mistenni li l-Kummissjoni ser tindirizza l-kwistjoni ta' aċċess sħiħ u trasparenti għall-infrastruttura fir-rapport tagħha ta' l-2006 dwar is-suq ta' l-enerġija intern.
14. Tiġi żgurata implimentazzjoni sħiħa, effettiva u trasparenti tal-leġislazzjoni eżistenti. Din l-implimentazzjoni għandha tkun konformi ma' l-obbligi tas-servizz pubbliku, waqt li jiġi żgurat li l-liberalizzazzjoni hija ta' benefiċċju f'termini ta' aċċess għall-enerġija bi prezzijiet li jistgħu jintlaħqu. Dan il-proċess ta' liberalizzazzjoni għandu jieħu kont ukoll tas-sitwazzjoni ta' l-Istati Membri f'termini ta' diversifikazzjoni tal-provvista sabiex jiġi evitat kontroll eċċessiv minn fornituri esterni.

15. Tissaħħaħ il-kooperazzjoni u l-koordinazzjoni bejn ir-regolaturi u l-operaturi tas-sistema fuq bażi reġjonali *inter alia* permezz ta' skambju ta' informazzjoni koordinat u fuq livell Komunitarju eż. billi jinbena fuq korpi amministrattivi diġa' eżistenti bħall-Grupp Ewropew tar-Regolaturi ta' l-Enerġija għall-Elettriku u l-Gass (ERGEG).

Trawwim ta' l-iżvilupp koerenti ta' l-infrastruttura

16. Jiġi mtejbja l-proċeduri ta' pjanar ta' l-investment u l-koordinazzjoni ta' l-investment fil-perijodu medju-twil, speċjalment fir-rigward ta' interkonnessjonijiet transkonfini, infrastruttura tal-gass u faċilitajiet ta' LNG kif ukoll ta' kapaċitajiet ta' ġenerazzjoni, u tiġi żgurata klima ta' negozju li twassal aktar għal investment fil-perijodu twil permezz ta' aktar trasparenza u skambju ta' informazzjoni bbażat fuq l-ippjanar ta' l-Istati Membri stess. Dan għandu jikkontribwixxi biex jingħata bidu mingħajr dewmien għall-implimentazzjoni ta' proġetti ta' infrastruttura ta' l-enerġija ta' prijorità.
17. Jiġi provdut mekkaniżmu bbilanċjat fir-rigward ta' kuntratti fil-perijodu twil li ser isaħħu l-kompetizzjoni fuq is-suq intern u fl-istess ħin jissalvagwardjaw l-inċentivi ta' l-investment.
18. Jiġi riveduti d-direttivi eżistenti u l-kondizzjonijiet tal-qafas legali fid-dawl tal-ħtieġa li jiġu mgħaġġla b'mod sostanzjali l-proċeduri ta' awtorizzazzjoni amministrattiva waqt li jinżammu l-istandards ambjentali u tas-saħħa, b'mod partikolari billi jiġu kkonsidrati limiti ta' żmien għall-proċeduri.

ENERĠIJA SOSTENIBBLI

Materjali li jistgħu jiġġeddu

19. Tiġi prodotta analiżi tal-Kummissjoni dwar kif jistgħu jintlaħqu l-miri eżistenti (2010) ta' materjali li jistgħu jiġġeddu u kif tista' ssir promozzjoni ulterjuri b'mod kost effettiv ta' l-enerġiji li jistgħu jiġġeddu (*road map*) fil-perijodu twil eż. billi tikkunsidra li tgħolli is-sehem tagħhom għal 15% sa' l-2015 u bl-istess mod iżżid l-użu ta' bijokarburanti fis-settur tat-trasport billi tikkunsidra li tgħolli l-proporzjoni tagħhom għal 8% sa' l-2015 akkumpanjata minn dialogu kostruttiv ma' l-industrija taż-żejt u billi tagħti appoġġ massimu lir-riċerka u lill-iżvilupp tal-bijokarburanti tat-tieni ġenerazzjoni. L-istabbiliment ta' miri ġodda għandu jiġi ġġustifikat abbażi ta' analiżi komprensiva tal-potenzjal u l-kost effettività ta' miżuri ulterjuri.

20. Jiġi promoss l-użu ta' bijomassa bil-ħsieb li jiġu ddiversifikati s-sorsi tal-provvista tal-karburant ta' l-UE, jitnaqqsu l-emissjonijiet tal-gass serra u jiġu offruti opportunitajiet ġodda ta' qliegħ u impjiegi f'żoni rurali billi jitmexxew 'il quddiem proposti fil-Pjan ta' Azzjoni dwar il-Bijomassa fit-tliet setturi tagħha kollha: tisħin u tkessiħ, elettriku u trasport. Dan għandu jiġi żviluppat fil-qafas ta' strateġija fil-perijodu twil għall-bijoenerġija wara l-2010.
21. Jiġi mitigati ostakoli legiſlattivi u amministrattivi għall-bidu ta' l-użu tal-materjali li jistgħu jiġġeddu permezz ta' l-iffaċilitar ta' l-aċċess għall-grilja, it-tnaqqis tal-burokrazija amministrattiva u l-iżgurar tat-trasparenza, l-effettività u ċ-ċertezza tal-linji politiċi ta' appoġġ.

Effiċjenza fl-enerġija

22. Waqt li jinżamm preżenti l-potenzjal ta' tfaddil ta' enerġija ta' l-UE ta' 20% sa' l-2020, kif stmat mill-Kummissjoni, il-Kummissjoni għandha tipproponi Pjan ta' Azzjoni dwar l-Effiċjenza fl-Enerġija realistiku u ambizzjuż li jimmira għat-tisħiħ tat-tmexxija ta' l-UE, bil-ħsieb ta' l-adozzjoni tiegħu fl-2006 u tikkonsidra kif tinvolvi lil pajjiżi terzi biex jagħmlu progress dwar l-effiċjenza fl-enerġija.
23. Tittejjeb l-effiċjenza fl-enerġija, notevolment fis-settur tat-trasport minħabba r-rwol importanti li għandu dan is-settur, billi jsir użu ta' strumenti li huma kost effettivi, inkluż tal-ftehim volontarji u standards ta' emissjoni.
24. Tiġi implimentata bi sħiħ il-leġiżlazzjoni dwar il-prestazzjoni ta' l-enerġija fil-bini u fl-effiċjenza ta' l-użu aħħari u s-servizzi ta' l-enerġija.
25. Tiġi msaħħa b'mod sostanzjali l-effiċjenza ta' l-impjanti ta' l-enerġija b'mod partikolari b'aktar promozzjoni ta' l-użu ta' sħana u enerġija flimkien.

Kontribut għall-politika tat-tibdil fil-klima

26. Isir kontribut għall-iżvilupp ta' strateġija ta' l-UE fil-perijodu medju sa' twil biex jiġi miġġieled it-tibdil tal-klima f'perspettiva post-2012 u għall-kisba tal-miri ta' Kyoto eżistenti.
27. Tiġi kkompletata fil-ħin ir-reviżjoni ta' l-ETS ta' l-UE bħala strument biex jintlaħqu l-oġġettivi tat-tibdil fil-klima b'mod kost effettiv, waqt li jittieħed kont ta' l-impatt tagħha fuq it-tliet oġġettivi tal-politika dwar l-enerġija, fuq is-swieq ta' l-enerġija, il-potenzjal ta' tkabbir u l-istruttura ta' l-industrija ta' l-Istati Membri u l-ħtieġa ta' ċertezza fil-perijodu medju u dak twil

28. Fid-djalogi tagħha dwar l-enerġija ma' pajjiżi terzi, l-UE għandha tiffaċilita l-iżvilupp ta' sistemi ta' l-enerġija sostenibbli u effiċjenti u tassumi approċċ aktar pro-attiv fil-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima, waqt li tippromwovi sorsi li jistgħu jiġġeddu, it-teknoloġiji b'emissjonijiet baxxi u l-effiċjenza fl-enerġija u l-implimentazzjoni tal-mekkaniżmi tal-Protokoll ta' Kyoto.

AZZJONIJIET ORIZZONTALI U TA' APPOĠĠ

Tfassil tal-politika bbażat fuq l-evidenza

29. Jiġu żviluppati għodod ta' monitoraġġ analitiċi (mudellar ta' enerġija u xenarji reġjonali; indikaturi), tas-suq u tal-ħażniet sabiex l-UE jkollha perspettivi kondiviżi dwar il-provvista u d-domanda fil-perijodu twil fir-rigward ta' l-UE u l-imsieħba tagħha, f'kollaborazzjoni ma' istituzzjonijiet internazzjonali oħra. B'mod partikolari l-Kummissjoni hija mħeġġa biex tagħmel progress malajr fuq il-mezzi biex tipprovdha trasparenza u prevedibbiltà rigward id-domanda u l-provvista fuq swieq ta' l-enerġija ta' l-UE u biex tikkomplimenta l-ħidma ta' l-IEA waqt li tevita d-dupplikazzjoni tax-xogħol.
30. Jiġu stmati l-vantaġġi u l-iżvantaġġi tas-sorsi ta' l-enerġija individwali kollha fir-rigward tat-tliet objettivi tal-politika dwar l-enerġija; din l-istima għandha tkopri s-sorsi differenti kollha, mis-sorsi indiġeni ta' enerġija li jistgħu jiġġeddu, għal faħam nadif u r-rwol futur ta' l-enerġija nukleari fl-UE għall-Istati Membri li jixtiequ jsegwu din l-għażla.

Riċerka, Żvilupp u Dimostrazzjoni - Żvilupp tat-teknoloġija

31. Tiżdied il-prijorità għall-enerġija fil-*budgets* nazzjonali u Komunitarji tar-Riċerka, Żvilupp u Dimostrazzjoni, speċjalment fi ħdan is-seba' Programm Kwadru, b'fokus fuq l-effiċjenza fl-enerġija, l-enerġiji sostenibbli u t-teknoloġiji b'emissjonijiet baxxi bi tweġiba għall-isfidi affrontati mill-UE.
32. Jiġu appoġġati dawn it-teknoloġiji permezz ta' firxa aktar wiesgħa ta' pjattaformi u sħubiji ma' pajjiżi terzi, u jiġi ffaċilitat l-assorbiment tas-suq tat-teknoloġiji li jirriżultaw inkluż permezz ta' l-istrumenti Komunitarji rilevanti, sabiex tiġi mserrħa t-tmexxija ta' l-UE.

Koordinazzjoni

33. Sabiex tiġi żgurata implimentazzjoni koerenti ta' l-azzjonijiet ta' prijarità ta' hawn fuq, għandhom jiġu żviluppati orjentazzjonijiet ġenerali kondiviżi li jindirizzaw id-diversi komponenti tal-politika dwar l-enerġija kif implimentati mill-Istati Membri, waqt li jittieħed kont dovut tal-karatteristiċi ta' l-Istati Membri.

DIKJARAZZJONI DWAR IL-BELARUS

Il-Kunsill Ewropew jikkundanna l-azzjoni ta' l-awtoritajiet tal-Belarus dalgħodu fl-arrest ta' dimostranti paċifiċi waqt l-eżerċizzju tad-dritt leġittimu tagħhom ta' miġemgħa ħielsa biex jipprotestaw kontra t-tweqqi ta' l-elezzjoni Presidenzjali. Il-Kunsill Ewropew jiddeplora n-nuqqas ta' l-awtoritajiet Belorussi li jissodisfaw l-impenji ta' l-OSCE għal elezzjonijiet demokratiċi u jikkunsidra li l-elezzjonijiet Presidenzjali fil-Belarus fid-19 ta' Marzu kellhom nuqqasijiet fundamentali. Fuq kontinent ta' soċjetajiet miftuħa u demokratiċi, il-Belarus hu eċċezzjoni mwieġħra.

Għalhekk il-Kunsill Ewropew iddeċieda li jieħu miżuri restrittivi kontra dawk responsabbli għall-vjolazzjonijiet ta' standards elettorali internazzjonali, inkluż il-President Lukashenko. Se nibqgħu naħdmu f'koordinazzjoni mill-qrib ma' l-imsieħba internazzjonali tagħna.

Fl-istess ħin, il-Kunsill Ewropew jilqa' l-messaġġ ta' tama miġjub mill-oppożizzjoni demokratika u s-soċjetà ċivili tal-Belarus. L-isforzi kuraġġużi tagħhom biex tinġieb 'il quddiem il-kawża tad-demokrazija f'ċirkostanzi eċċezzjonalment diffiċli jistħoqqilhom ir-rikonoxximent u l-appoġġ sħaħ tagħna. L-Unjoni Ewropea ttenni l-impenn tagħha li tinvolvi ruħha mas-soċjetà Belarussa billi ssaħħaħ aktar l-appoġġ tagħha għas-soċjetà ċivili u d-demokratizzazzjoni; hi ser tintensifika wkoll il-kuntatti bejn il-popli u ttejjeb l-aċċess għal sorsi ta' informazzjoni indipendenti.

Il-Kunsill Ewropew jitlob il-ħelsien immedjat tad-detenuti kollha. Huwa jitlob lill-awtoritajiet tal-Belarus biex jibqgħu lura minn azzjoni kontra kwalunkwe protesta paċifika oħra. Huwa jhegġegħ lill-imsieħba internazzjonali tiegħu, u b'mod partikolari lill-ġirien l-oħra tal-Belarus, biex isegwu l-istess approċċ lejn il-Belarus.